MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 1721/2001/1

**Albert u Maria Dolores *sive* Doris Satariano**

**-vs-**

**Awtorita’ tal-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fit-30 ta’ Ottubru, 2001 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond bl-isem Angel’s Leap, il-Faqqanija, fil-limiti tas-Siġġiewi.

Illi l-Awtorita’ konvenuta ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta’ Twettieq bin-numru 755/98, datat 25 ta’ Settembru, 1998 li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok A, in forza ta’ liema l-atturi ġew ordnati ineħħu “l-iżvilupp kollu li għandek mingħajr permess u treġġa’ s-sit għall-istat oriġinali tiegħu

fi żmien sittax-il ġurnata billi tibni biss skond il-pjanti oriġinali tal-permess PB 5/90/4202/88 mahrug fil-11 ta' Jannar, 1990".

Illi l-fuq imsemmi Avviż ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-23 ta' April, 2001.

Illi fil-kors tal-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi Avviż l-Awtorita' konvenuta marret *oltre* u eċċediet dak previst mill-istess Avviż tant illi saru xogħlijiet ta' demolizzjoni anke f'partijiet mill-fond m'hux koperti b'tali avviż kif ser jigi pruvat tul is-smiegħ ta' din il-kawza.

Illi l-aġir tal-Awtorita' konvenuta f'l-esekuzzjoni ta' l-Avviż huwa wieħed *ultra vires* a tenur ta' l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan peress illi jesorbita mill-poteri mogħtija lilha mill-istess Avviż u jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa fdata lilha mil-liġi.

Illi l-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi Avviż sar b'mod negliġenti, bi traskuraġni u m'hux skond is-sengħa u l-arti tant illi l-awtorita' konvenuta kkawżat danni konsiderevoli fil-proprjeta' fuq imsemmija kif jidher mir-rapport magħmul mill-Perit Alfred Grech A. & C. E. datat 3 ta' Awissu, 2001 li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok B u anke ppremettiet illi jinsterqu xi oġġetti mill-istess proprjeta' kif jidher mill-istima datata 30 ta' Lulju, 2001 (Dok C) u kif ser jiġi pruvat tul is-smiegħ tal-kawża.

Illi l-Awtorita' konvenuta ċċirkondat il-proprjeta' ta' l-atturi fuq imsemmija permezz ta' reċint konsistenti fi *blocks* ta' *cement* ta' ċerta għoli u għalqet kull aċċess li seta' kien hemm għall-istess proprjeta' u għalhekk b'dan l-aġir abbużiv u llegali l-istess awtorita' qed tipprekludi lill-atturi milli jagħmlu kwalunkwe użu mill u jkollhom aċċess għall-proprjeta' tagħhom.

Illi l-Awtorita' konvenuta naqset ukoll li tesegwixxi dawk ix-xogħlijiet neċessarji a tenur ta' l-istess Avviż fuq imsemmi sabiex tiġi reintegrata l-proprjeta' skond il-pjanti oriġinali

tal-permess PB 5/90/4202/88 maħruġ fil-11 ta' Jannar, 1990.

Illi l-proprjeta' fuq imsemmija kienet tikkostitwixxi r-residenza ta' l-atturi u b'konsegwenza ta' l-aġir fuq imsemmi da parti ta' l-Awtorita' konvenuta, l-atturi soffrew danni konsiderevoli u għadhom qegħdin isofru danni sal-ġurnata ta' llum, inkluż il-ħlas ta' kera sabiex ikollhom akkomodazzjoni ulterjuri.

Illi l-Awtorita' intimata ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali datata 3 ta' Ottubru, 2001 (Dok D) sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minnha kkawżati fil-fond bl-isem Angel's Leap, il-Faqqanija, fil-limiti tas-Siġġiewi kif fuq spjegat, u sabiex tagħmel dawn ix-xogħlijiet neċessarji a tenur ta' l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq bin-numru 755/98, iżda hija baqgħet inadempjenti.

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara l-eżekuzzjoni ta' l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq bin-numru 755/98 mill-Awtorita' konvenuta bħala waħda nulla, invalida u bla effett a tenur ta' l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) in kwantu tali eżekuzzjoni kienet abbusiva u llegali kif iktar 'il fuq spjegat.

2. Tiddikjara lill-Awtorita' konvenuta responsabbli għad-danni kkawżati lill-atturi kif fuq premess a tenur ta' l-Artikolu 469A(5) kif ukoll minħabba l-aġir illegali u abbużiv ta' l-Awtorita' konvenuta.

3. Tillikwida dawn l-istess danni okkorendo b'opera ta' Periti nominandi u tordna lill-Awtorita' konvenuta tħallas lill-atturi d-danni hekk kif illikwidati.

4. Tiddikjara li l-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi Avviż mill-Awtorita' konvenuta sar b'mod negliġenti, bi traskuraġni u m'hux skond is-sengħa u l-arti tant li kkawża danni fil-

proprjeta’ ta’ l-atturi u lill-Awtorita’ konvenuta responsabbli għal tali danni.

5. Tillikwida dawn l-istess danni okkorendo b’opera’ ta’ Periti nominandi u tordna lill-Awtorita’ konvenuta tħallas lill-atturi d-danni hekk kif illikwidati.

6. Tordna lill-Awtorita’ konvenuta sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Qorti għal dan l-iskop, tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji sabiex tiġi reintegrata l-proprjeta’ skond il-pjanti oriġinali tal-permess PB 5/90/4202/88 maħruġ fil-11 ta’ Jannar, 1990 a tenur ta’ l-Avviż fuq imsemmi u dana taħt direzzjoni ta’ perit li jiġi għal dawn il-fini nominat.

7. Tordna lill-Awtorita’ konvenuta sabiex tneħħi r-reċint minnha illegalment u abbużivament mibni madwar il-proprjeta’ ta’ l-atturi u dan ukoll fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Qorti għal dan l-iskop.

8. Fil-każ li l-Awtorita’ konvenuta tonqos li tagħmel ix-xogħlijiet fuq deskritti fi żmien li jiġi lilha prefiss, tagħti l-permess lill-atturi sabiex jagħmlu huma stess ix-xogħlijiet neċessarji a spejjeż ta’ l-istess konvenuta taht id-direzzjoni ta’ l-istess perit nominandi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data ta’ l-ittra uffiċjali fuq imsemmija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-Awtorita’ konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fil-31 ta’ Diċembru 2001 li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvedimenti ta’ l-istess artikolu 469A tal-Kap.12.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kwestjoni odjerna hija *res judicata stante* li l-mertu ta’ l-istess diġa

ġie deċiż kemm mill-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar kif ukoll mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

3. Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjonijiet meħuda mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar kienu azzjonijiet li l-istess Awtorita’ setgħat tieħu skond il-Ligi, *stante* li l-azzjonijiet ilmentati kienu jikkonċernaw żvilupp illegali magħmul mill-atturi, u l-azzjonijiet ta’ l-istess Awtorita’ kienu kollha *intra vires*, raġonevoli, validi u legali, u l-uniku aġir illegali u irraġonevoli kienu ta’ l-istess atturi, kif ser jiġu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita’ eċċipjenti qegħda teżerċita u eżerċitat id-drittijiet tagħha li joħorġu mill-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar u mill-Avviż biex Tieqaf u ta’ Twettieq numru ECF 1434/97 maħruġ fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Settembru 1998, liema Avviż ġie appellat mill-attur quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, fejn l-istess Bord, fid-deċiżjoni tiegħu ta’ l-erbatax (14) ta’ Jannar 2000, ċaħad l-appell ta’ l-attur u kkonferma l-istess Avviż, kif *del resto* għamlet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fid-deċiżjoni tagħha tat-tlieta u għoxrin (23) ta’ April 2001.

5. Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tat-3 ta’ Mejju 2004 li permezz tagħha rrespinġiet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti proċesswali kompriżi n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Diċembru 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni din l-azzjoni hija bbażata fuq l-eżekuzzjoni tal-Avviż ta' waqfien u twettieq fil-konfront tal-atturi mill-awtorita' konvenuta. Din l-eżekuzzjoni saret wara illi l-Qorti tal-Appell kienet irrispinġiet l-Appelli li saru mill-atturi. Ġew ukoll miċħuda tlett talbiet li għamlu l-atturi biex jinħarġu mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-awtorita' biex ma tesegwixxix din l-ordni.

**PROVI PRODOTTI:**

**Seduta 06 ta' Mejju 2005**
L-attur ipprezenta **affidavit tiegħu stess (Fol. 130)**

Spjega li hu diġa xehed fil-kawża 884/01 iżda qed jerġa' jixhed, jirrepeti fatti li diġa' xehed dwar u jżid fuqhom u jippreżenta dokumenti u ritratti fil-kawża odjerna.

Fil-1982 akkwista bini bl-isem Angel's Leap ġewwa Ħad-Dingli flimkien ma' parti mit-territorju magħruf bħala "Irdum Dikkiena" u "Irdum Ħurrieqa", kollox madwar 30 tomna. Il-bini kien madwar 300 metru kwadru. Kien jikkonsisti f'kamra kbira li kienet tintuża bħala *bar* u *restaurant* mis-sid ta' qabel, erba' kmamar, u ċioe' kċina, *toilet*, kamra ta' l-ikel u kamra tas-sodda, u taraġ li jieħu għall-kamra tas-sodda oħra isfel, u kamra tal-banju konnessi flimkien. Is-sid preċedenti kien juża dan il-bini bħala residenza tiegħu.

"Fit-territorju tiegħi kelli strutturi oħra u ċioe' għar, taraġ li mid-dar kien iwassal għall-għar, żewġt kmamar rurali imdaħħlin fil-blat, diversi ħitan tas-sejjieħ miżmuma f'kundizzjoni tajba, kollha bil-kaptelli (Ritratt SA7).

Dan il-bini kien kollu kopert bil-permess sa minn qabel ma akkwistah l-attur fil-1982. Fl-1989 l-attur applika għall-estensjoni li ġiet aċċettata u ħareġ il-permess P5/90/4204/88. Applika wkoll għad-dawl u ppreżenta ittra ta' awtoriżżazzjoni fejn il-bini ġie konfermat li kien skond il-permess u li s-sit huwa residenzjali. Kelli ukoll permess biex nibni *swimming pool* iżda din qatt ma nbniet.

Jiena bgħett id-dar li kelli l-Madliena u qabbadt kuntrattur biex jibni l-estensjoni fil-proprjeta' tiegħi. Ix-xogħol kellu jieqaf minħabba splużjonijiet fil-barriera viċin li kkawżaw ħsara strutturali fil-bini li beda jiċċaqlaq u kien f'periklu li jaqa'. Għamilt rapport l-Għassa tal-Pulizija li rreferewni għand il-Perit tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet li kien Joseph Bondin. Dan għamel rapport fuq il-proprjeta' tiegħi. Qalli li l-bini kien ħażin, kien ta' perikolu u kien jeħtieġ jitneħħa l-perikolu u jinbidel. Hu kellu jagħmel rapport l-Għassa tar-Rabat. Irrikorrejt għand l-Ispettur Domenic Attard li wissa lil tal-barriera peress li kien irċievi lmenti oħra mhux biss tiegħi.

Qalli nieħu ħsieb inneħħi l-perikolu għax jekk iweġġa' xi ħadd inkun responsabbli jien. Qalli li nista' nieħu passi kontra tal-barriera iżda jien għidtlu li ma ridtx peress li ma ridtx nikkumplika l-affarijiet mal-ġirien għax kont ser immur ngħix hemm. Qalli li ried ċertifikat ta' ħsarat. Jien dan qatt ma ħadtulu peress li ma ridtx nieħu passi. Il-Perit Bondin kien qalli li ha jieħu r-rapport tiegħu lill-Ispettur. Ġraw inċidenti oħra relatati mal-barrieri u għalhekk kelli nagħmel rapporti oħra mal-Pulizija. Bgħatt ukoll ittri lill-Kummissarju u lill-Ministeru ta' l-Ambjent.

Il-Perit tiegħi ukoll ikkonfermali li l-bini kien perikoluż u li l-prassi kienet li jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid. Jien hekk għamilt. Iżda sibna li l-pedamenti kienu mibnija fuq il-ħamrija u għalhekk kien hemm bżonn li jsiru mill-ġdid. Jien issottomettejt ittra bi pjanti ġodda permezz tal-Perit tiegħi. Kien ġie *building inspector* u spjegajtlu kollox. Dan ma reġax ġie u lanqas ma ġew pulizija biex iwaqqfuni mix-xogħol. Għalhekk reġa' nbena dak li kien hemm oriġinarjament. Sar tibdil fis-sens li nbniet kamra fis-sular ta' fuq li kienet tkopri l-kamra ta' isfel li ma nbnietx, tneħħa x-xtur tal-bini, sar tibdil fl-aperturi u l-ġibjun sar kmamar.

Jiena bgħatt ninfurma lill-PAPB dwar dan għalhekk kienu jafu li kien hemm il-perikolu u x-xogħol li kien qed isir biex jitneħħa dan il-perikolu. Iżda l-alterazzjonijiet u żidiet ma ġewx aċċettati.

Fil-frattemp kont applikajt għad-dawl u ħallast spiża għalih. Ma kienx hemm problema sabiex jagħtuni d-dawl peress li l-bini kien diġa kopert b'permess.

Meta spiċċat il-PAPB u bdiet il-MEPA ġejt mitlub naċċetax li l-każ tiegħi jkompli jinstema' mill-MEPA u jien aċċettajt.

Il-proċess dam għaddej ħames snin. Jien kont ilmentajt minħabba dan id-dewmien. Il-konferma tar-rifjut waslet f'Ottubru 1996.

F'Novembru 1996 tlabna rikonsiderazzjoni. Miċħuda kważi sentejn wara. Fl-istess żmien inħareġ avviż biex tieqaf u tat-twettieq 1434/97 li appellajt minnu. Fil-frattemp il-proċeduri dwar l-applikazzjoni tiegħu baqgħu għaddejjin sa ma ngħatat deċiżjoni mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' April 2001. Kien hemm ukoll deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Permezz ta' dawn iż-żewġ sentenzi ġie deċiż ukoll l-appell mill-*enforcement notice*.

Minn meta ħareġ l-Avviż, permezz tal-Perit tiegħi, bdejt nitħaddet mal-MEPA dwar kif għandu jiġi esegwit. Fil-1998 kont tkellimt ma' John Agius, *Enforcement Manager*, li qalli li l-*enforcement* kien jordnali nneħħi dak il-bini *oltre* għall-bini li jidher fuq il-pjanti tal-permess u nerġa' nġib il-bini konformi mal-permess P5/90/4204/88.

F'Mejju 2001 ġejt infurmat minn Louis Micallef tar-Roc-a-Go Company Limited, li ġie nkarigat mill-MEPA biex iwettaq l-Avviż. Id-dar kellha titwaqqa' kollha u terġa' tinbena skond il-permess. Il-kuntrattur urieni pjanti li kienu ffirmati u kkonfermati minn uffiċjal tal-MEPA. Qalli li l-ordni kienet li jwaqqa' kollox u jerġa' jibni skond il-permess. Il-pjanti kienu juru l-bini kollu kif kien oriġinali fil-permess P5/90/4204/88."

L-attur esebixxa ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu li tgħid li hu kien lest jagħmel x-xogħol meħtieġ sabiex il-bini jitreġġa' lura skond il-pjanta ta' l-imsemmi permess.

"Il-Perit tiegħi nfurmani li mill-*meeting* ma' l-Assistent Direttur MEPA Stephen Farruġia, ġie orndat li aħna

nneħħu l-bini kollu u nerġgħu nibnu dak kollu li kien jidher fil-permess P5/90/4204/88. Il-Perit tiegħi nsista li ma jitwaqqax il-bini kompletament iżda jsiru l-modifikazzjonijiet sabiex jitwaqqgħu biss il-partijiet mid-dar mhux skond il-permess u jinbnew l-partijiet kollha kif jidhru fl-istess pjanta. Il-Perit kien fassal pjan biex id-dar titreġġa' għall-istat oriġinali u skond il-permess, mingħajr ma jiġi demolit kollox. Il-Perit bagħat lill-Awtorita’ żewġ ittri bil-proposti tiegħu u żewg ittri oħra biex jinforma li x-xogħol kien inbeda u se jitlesta f’qasir żmien.

Fis-17 ta' Mejju 2001 ġejna nfurmati li l-proposti ma kinux aċċettabbli. Skond MEPA kellu jiġi demolit kollox u ma seta’ jerġa’ jinbena xejn, dan kontra dak li qalulna ftit żmien qabel. Johann Buttiġieg infurmana li biex jerġa’ jitla’ l-bini kellha ssir applikazzjoni ġdida għall-permessi.

Għalkemm aħna konna lesti li nwaqqgħu, l-intenzjoni dejjem kienet li jerġa’ jiġi re-integrat is-sit skond il-permess P5/90/4204/88 u dan skond l-ordni mogħtija fl-istess Avviż. Dan aħna għamilnih ċar permezz ta' numru ta’ ittri oħra ġia’ msemmija u esebiti.

Minħabba li l-MEPA nfurmatni li ridt napplika mill-ġdid jiena għamilt Mandat ta’ Inibizzjoni 1484/01 biex inwaqqaf lill-MEPA milli tiddemolixxi kompletament il-proprjeta’ tiegħi. Milqugħ provviżorjament. Il-Perit informa lill-MEPA li fil-frattemp ix-xogħol ser jieqaf u beda taħdidiet oħra mal-MEPA biex isib soluzzjoni għar-*reinstatement.* Kienet l-istess Qorti li ssuġġeriet li nsibu soluzzjoni. Wara l-Qorti bqajna sejrin nitkellmu. Il-Perit tiegħi preżenta lill-MEPA diversi pjanti u dokumenti dwar kif seta’ jiġi modifikat il-bini.

Il-Perit kiteb ukoll diversi ittri iżda r-risposta kienet li biex jitwettqu l-proposti tal-Perit kellha ssir applikazzjoni formali ta’ l-iżvilupp.

Fit-12 ta' Lulju 2001 il-mandat ġie miċħud. Il-Perit reġa’ kiteb lill-MEPA anke fuq parir tal-Qorti stess biex insibu soluzzjoni ekwa u ġusta anke għal dak li jirrigwarda t-

twaqqiegħ meħtieġ, iżda l-Perit ma rċieva l-ebda risposta għal dawn l-ittri.

Waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri anke qabel il-Mandat bdejt inġorr l-għamara etc mill-proprjeta' bl-iskop li nkun nista' nirripritina s-sit skond il-permess kif kien jgħid l-*enforcement*. Kelli xi affarijiet li minhabba t-toqol tagħhom jiena ħadthom fil-proprjeta' tiegħi xi 30 metru bogħod quddiem il-bieb ta' l-għar. Dawn kienu ġebel lixx u ieħor skulturat formanti parti minn żewġ *fireplaces*, għoxrin kanal ta' l-ilma tal-ġebel bil-pjanti miżrugħin fihom, il-gallerija tal-ħadid tal-*ferrobattuto* tat-terazzin, u twieqi tal-kmamar t'isfel. Tajt struzzjonijiet lill-ħaddiema biex jaqilgħu wkoll il-bieb u tieqa tal-*garage*, u t-twieqi tal-kmamar ta' fuq. X'ħin marru jaqalgħuhom daħlu l-*enforcement officers* Johann Buttigieg u Joe Agius u ordnawlhom jitilqu mmedjatament. Magħhom kien hemm il-Pulizija u minn dak il-ħin ma ħallewx nies jidħlu fil-proprjeta' ħlief dawk awtorizzati minnhom. Fosthom il-kuntrattur Louis Micallef u l-ħaddiema tiegħu li ġie nkarigat mid-demolizzjoni tal-proprjeta' tiegħi. Dakinhar stess, 17 ta' Lulju 2001, bdiet id-demolizzjoni.

Qabel bdew ix-xogħol l-*enforcement officers* għamlu *meeting* mal-ġurnalisti lokali u tawhom *tour* tad-dar u ta' l-għar li ntwera fuq TVM u ritratti fuq gazzetti lokali.

Waqt id-demolizzjoni jiena kelli diversi *meetings* ma' Micallef li kien jispjegali x'kien qiegħed jiġri. F'xi żmien għamlitlu l-ħsara l-Hymac u hu qabbad lil ħaddieħor, il-Guber, imma l-MEPA kienet baqgħet tagħti l-ordnijiet lil Micallef bħala l-kuntrattur mqabbad minnha.

Darba qalli li kien li l-MEPA kienet se taqla' l-affarijiet kollha li kelli fl-għar. Dan ma kienx milqut mill-*enforcement* u jinsab 30 metru 'l bogħod mid-dar. Iżda wara li sar it-twaqqiegħ u jien stajt naċċedi fuq il-post biex nara x'kien ġara sibt li l-għar kien sarlu ħafna ħsara. L-art li kienet twavel ta' l-injam inqalgħu parti minnhom, is-*shower tray* inqalgħet u ħaduha, il-*pool* żarmawha, ittieħdu wkoll il-pompa u l-*filter*, l-aċċess għalihom kien mgħotti u kien iservi bħala mejda. Din tkissret u ħallewha ma' l-art.

Qalgħu l-*light fittings* u s-sistema tad-dawl, qalgħu l-bieb tat-*toilet* u l-ġebel dekorattiv li kien hemm mal-ħajt tat-*toilet*, qalgħu r-rixtellu u l-bieb ta' l-injam li kien jagħlaq l-Għar.

Qalli li l-MEPA tatu ordni biex jaqla' l-kaptelli li kellhom jiġu numerati minn Din l-Art Ħelwa. Il-kaptelli ttieħdu kollha. Biċċiet minnhom kienu diġa' mal-ħitan meta xtrajt il-proprjeta' jien filwaqt li oħrajn kont xtrajthom mingħand Tony Cremona u għamilthom jien.

Qalli li kienu se jaqilgħu t-triq bl-iskop li jneħħuli kwalunkwe aċċess għall-kumplament tat-territorju tiegħi li kelli taħt id-dar. Għalhekk qalgħu l-*gate* tal-ħadid biex jidħlu bil-makkinarju. Waqt li kien għaddej ix-xogħol xi ħadd daħal fit-territorju tiegħu u żgassa waħda mill-kmamar rurali u ħadu l-bieb u t-twieqi. Insterqu wkoll diversi oġġetti li jien elenkajt fir-rapport li għamilt l-Għassa tar-Rabat fit-30 ta' Lulju 2001. Qed nesebixxi lista ta' dawn l-oġġetti u 'l quddiem nesebixxi kopja tar-rapport.

Qalli li l-MEPA kienet se tħott il-faċċata taż-żewġt ikmamar rurali. Dan ma sarx iżda waħda minnhom saritilha ħsara meta żgassaw il-bieb u t-twieqi u ġġarrfet parti mill-faċċata. Il-*gate* qalgħuha wkoll biex ikollhom aċċess liberu bil-makkinarju għal dawn il-kmamar.

Kelli erbatax siġar taż-żebbuġ u disgħa taċ-ċipress u *ivy creeper* mal-*boundary wall*. Sal-lum ma nafx x'sar minnhom. Tħallew biss erbgħa. Is-siġar taċ-ċipress kien se jeħodhom Sammy Cremona li fil-fatt tħallas biex jittieħdu għandhom iżda tant saritilhom ħsara li ma kinux għadhom tajbin.

Kelli wkoll bir li kien hemm minn qabel xtrajt il-proprjeta' fil-1982. Dan tkisser kompletament u ħallew biss fossa. Għamlulu wkoll ħsara fil-ġenb biex b'hekk illum lanqas biss jista' jżomm ilma.

Matul iż-żmien li kienet qed issir id-demolizzjoni l-Perit talab appuntament mal-MEPA biex jiddiskutu x-xogħlijiet iżda t-talba ġiet injorata. Peress illi l-MEPA kienet qed

tmur *oltre* l-avviż il-Perit kiteb ukoll biex iwissiha dwar l-aġir illegali tagħha. Dawn ukoll ġew injorati. Fl-aħħar il-Perit talab li niġu nfurmati meta kienu se jikkonkludu x-xogħol ta' demolizzjoni. Bil-miktub ma bagħtu xejn iżda fis-7 ta' Settembru 2001 ġie nfurmat verbalment mill-*enforcement officer* Johann Buttigieg li x-xogħol kien tlesta.

Il-Perit beda jikteb lill-MEPA biex naraw kif se jsir ir-*reinstatement* skond l-Avviż.

Il-MEPA dawwru l-proprjeta' bil-blokok tal-konkos u reġgħu waħħlu l-*gate* fit-tarf tat-triq.

F'Settembru 2001 ħarġet *enforcement notice* oħra 936/01 b'allegati *infringements* oħrajn. Jiena wrejt permezz tar-ritratti li l-ħitan tas-sejjiegħ, it-triq u l-għar kienu lkoll jaqgħu 'l barra mill-*area* milquta mill-ewwel *enforcement*, iżda l-MEPA xorta bdiet tħott din il-parti tal-proprjeta' tiegħi. Wara li spiċċaw ix-xogħol ħarġu t-tieni *enforcement notice* u jien ngħid li dan għamluh biex ikopru x-xogħol li ġja' kienu għamlu matul l-eżekuzzjoni ta' l-ewwel *enforcement* liema xogħol kien imur *oltre* dak permess lilhom minn dan l-ewwel *enforcement*.

Micallef kien semmieli li l-affarijiet kollha proprjeta' tiegħi li ħadu mill-post kienu fil-bitħa tiegħu u kien talab lill-MEPA biex ifittxu jeħduhom mingħandu. Minn dakinhar ma smajt xejn aktar dwar dawn l-affarijiet. F'seduta fil-Bord ta' l-Appell fil-bidu tal-2005 l-*enforcement officer* Joe Agius semma' li l-affarijiet tiegħi fosthom il-kaptelli kienu qed jinżammu f'maħżen iż-Żejtun. Dawn għadhom f'idejn il-MEPA. Għalkemm il-Perit kiteb diversi drabi lill-MEPA biex nagħmlu laqgħa u niddiskutu diversi affarijiet, bqajna bla risposta.

Minflok rċevejt ittra fil-25 ta' Jannar 2002, fejn talbuni nagħmel diversi xogħlijiet bħala *"rehabilitation for the site in question"*. Hija ħaġa skorretta jippretendu li nreġġa' s-sit lura għall-istat oriġinali tiegħu u dan mingħajr ma jikkunsidraw li dan is-sit kien ġia' mibni u mibni validament skond permessi maħruġa minn awtoritajiet kompetenti ta'

dak iż-żmien. Jiena ma naqbilx ma dak li qed jitolbuni billi hija assurda li nerġa' nirripristina sit li ġja' kien żviluppat minn żmien qabel ma jien kont sid il-post. Barra minn hekk il-MEPA trid tmur *oltre* minn l-ewwel avviż u dan billi dak ma jsemmix li jien rrid inreġġa' lura s-sit għall-istat naturali tiegħu kif qed tippretendi l-MEPA, iżda li nreġġa' lura s-sit għall-istat oriġinali tiegħu billi nibni biss skond il-pjanti tal-permess P5/90/4204/88.

Minn dik l-ittra għaddew tlett snin u fuqhom. Il-proprjeta' għadha fl-istat li ħallietha l-MEPA. Jien kelli nikri appartament Lm250 fix-xahar fejn mort noqgħod u għadni nikrih sal-lum.

Riċentament kelli żewġ laqgħat mal-MEPA biex forsi naslu għal xi forma ta' ftehim iżda sa issa ma wasalna mkien."

Esebixxa diversi dokumenti li xehed dwarhom, fol. 250 sa 298.

**Xehed John Agius Fol.299**

"Bejn Settembru 1994 u April 2000 kont *enforcement officer* mal-MEPA. Niftakar li l-każ ta' Satariano kien fost dawk il-kawża li waqqafna l-proċeduri kriminali fil-Qorti u minflok nħarġet *enforcement notice* skond l-Att tal-1992. Ix-xogħol ma kotx nagħmlu jien imma kien *delegated* lill-*istaff* tiegħi. Satariano kien kellimni biex ngħidlu l-aħjar mod biex jottempora ruħu biex josserva din l-ordni.

L-istat oriġinali f'dan il-każ kien l-istat oriġinali skond il-permess ta' qabel. Ċioe' jekk inti mill-permess ta' qabel għandek xi bini li qiegħed hemmhekk dak twaqqgħux. Jekk hemm xi ħaġa li m'hijiex skond dak il-permess trid tneħħiha. Jekk inti kien hemm xi ħaġa li inti neħħejtha, erġa' agħmilha kif kienet skond il-permess ta' qabel. Jiena kelli diskussjonijiet dwar dan il-każ, bħal każijiet oħra, mad-direttur Colin Cassar. Kien Colin Cassar li ndikali biex dan il-każ jitneħħa mill-Qorti u tinħareġ *notice*. Peress li kien ftit ikkumplikat jien ma kontx ċert iżda mbagħad imxejt fuq din l-indikazzjoni.

Jien ninvestiga l-fatti x'inhuma. Meta nvestigajt u tkellimt anke ma' Satariano, dan ġabli permess li ma kienx *available* għandi. Kellu problemi wkoll ta' bini li kien fi stat perikoluż. U ġabli wkoll korrispondenza li kienet tgħidlu jneħħi l-periklu, dan qabel ma ġiet imwaqqfa l-MEPA. Allura kelli ninvestiga aktar. Ikkonsultajt ukoll ma' Jean Manduca. Inħoloq kunflitt bejn l-interpretazzjoni li nagħti jiena u l-interpretazzjoni li kienet tgħid id-direttorja. F'każ ta' azzjoni diretta jiena kont ngħid li għandu jaqa' biss dik il-parti li mhux skond il-permess. Pero' kien hemm żmien li fejn id-deċiżjoni kienet li jwaqqgħu kollox. Jien ma kontx naqbel ma' dik id-deċiżjoni. Minħabba f'hekk ma konniex għaddejna għad-*direct action*. Jien jekk ikolli ordni rrid nobdiha allura tlabt li jkolli ordni bil-miktub. Peress li l-ordni ma ġietx jien ma mortx inwaqqa' kollox u ssuspendejt il-każ sakemm ikun hemm interpretazzjoni iktar korretta jew xi ħaġa bil-miktub li tindikali eżattament x'irrid nagħmel. Sakemm bqajt hemm jien il-każ baqa' rieqed, ħadd ma ħa passi fuqu.

L-Avviż kien jinħareġ f'format li konna stabbilixxejnih flimkien mal-*legal office*. Pero' l-interpretazzjoni kienet tkun differenti. Treġġa' lura għall-istat oriġinali tiegħu, f'każ bħal ta' Satariano kien li jerġa' jreġġa' skond il-permess li kien inħariġlu. F'każ fejn il-bini kollu jkun illegali, ineħħi dak kollu li kien illegali, kollu kemm hu. Hija xorta kif ninterpretaw il-*wording* mhux kif jinkiteb in-*notice*."

**Kontro-eżami:**

"Ma niftakarx eżatt x'bini kien hemm skond il-permess imma mill-*file* nista' nindikalek sew. Illum m'għandix aċċess għax m'għadnix hemmhekk. Pero' kien hemm parti mhux ħażin ta' bini li kien għadu skond il-permess kif kien qabel. Kien hemm partijiet oħrajn li kienu nbidlu. Dan mid-dokumentazzjoni li kienu għaddewli Jean Manduca u l-*enforcement officer*. Mort fuq il-post jiena u rajnih flimkien li kien hemm parti mill-bini li kienet skond il-permess kif kien qabel.

Dwar applikazzjoni *to sanction* ma nistax ngħid. Id-*development control* ma kinitx sezzjoni tiegħi u aktar kont noqgħod fuq li jgħiduli milli niddeċiedi jien.

Jien rajt pjanta fuq is-*site* biex wasalt għal dik il-konklużjoni. Saret ukoll *sketch* mill-*enforcement officer* ta' x'kien hemm biex inkun nista' nikkompara mal-permess validu li kien għaddieli Manduca. Jien għamilt minuti dwar dan fil-*file* imma ma niftakarhomx eżatt. Il-*file* żammejtu *pending*. Il-*file* seta' jmur għad-*direct action* jekk ikun hemm ordni superjuri tiegħi. Id-deċiżjoni ta' l-appell tiġi għandi u jien ngħaddiha għall-azzjoni. Tista' tmur għad-*direct action* anke waqt l-appell. Kien hemm każijiet bħal per eżempju fejn bniedem kompla jżid. Ma nafx sakemm domt hemm ġiex deċiż l-appell. Jien ma kontx nattendi appelli. Jekk hemm appell pendenti ma nistgħux immorru nwaqqgħu aħna. Meta ddiskutejna l-każ jien ma qbiltx li jitneħħa mill-Qorti peress li każ kumplikat. Iżda ġiet ordni u kelli nesegwiha, biex jitneħħa mill-Qorti u jmur għad-*direct action* bil-possibbilta' li jista' jkun hemm anke appell. Meta ddiskutejna f'każ ta' azzjoni x'nistgħu nwaqqgħu, kien qal inneħħu kollox. Jien għidtilhom li l-liġi ma tippermettilix li nneħħi kollox. Meta tinħareġ *enforcement notice* tifisser li bdejna l-proċess biex tmur għad-*direct action*. Mill-*enforcement* jista' jappella.

Il-kwistjoni ta' l-appell ma ssemmietx fid-diskussjoni. Aħna meta nippjanaw x'se nwaqqgħu u x'ma nwaqqgħux, niddeċiedu x'jista' u x'ma jistax jaqa' rrispettivament jekk hemmx, isirx appell jew le. Qabel ma noħorġu n-*notice* nindikaw u nkunu nafu x'jista' jitwaqqa' u x'ma jistax anke jekk ma jiktbuhiex fin-*notice*. F'dak l-istadju li saret id-diskussjoni, kien hemm il-każ li nwaqqgħu kollox għax dak il-post mhux postu.

Jiena niftakar żgur li kien hemm kamra u kamra, daqsxejn kbar li kienu skond il-permess. Meta mort fuq il-post kien hemm l-*enforcement officer*. Is-sid ma kienx hemm. Ma dħaltx fil-post iżda rajtu minn barra minn trejqa li twassal għalih. Dħalt fit-territorju għax għalkemm kien hemm rixtellu kien kważi miftuħ. "

Seduta 12 ta' Ottubru 2005
**Xehed il-Perit Alfred Grech (Fol. 325)**

"Il-bini kellu ħafna konsenturi u xquq fis-soqfa minħabba *vibrations* li kienu ġejjin mill-viċinanzi. Kien hemm bini ieħor tal-konkos li kellu l-istess ħsarat kemm fis-saqaf u anke fil-ħitan. Kienet saret applikazzjoni għal alterazzjonijiet u żidiet iżda maż-żmien tant iggravat is-sitwazjoni li ma kontx lest nibqa' nraqqa' u nieħu r-responsabbilta', aktar u aktar bil-*vibrations* tal-barrieri viċin. Kont ħriġt ċertifikat dwar dan, li l-bini kellu jitwaqqa' biex nevitaw kwalunkwe perikolu. Jiena nikkonferma li d-dokumenti preżentati mill-attur fl-affidavit tiegħu bgħatthom jiena. F'dawn id-dokumenti lill-MEPA jiena tlabt li jsiru laqgħat pero' dawn qatt ma saru. It-talba għal-laqgħa ma ntlaqgħetx. Ġejna njorati kompletament. Ittra kważi kuljum u kollha ġew injorati.

L-uniku *meeting* li sar kien mal-Perit Stephen Farruġia, fi żmien meta l-attur kien imsiefer. Aħna ridna niltaqgħu fuq il-post biex niddiskutu s-sitwazzjoni. Iddiskutejna varji metodi kif wiehed jista' jimxi ma' l-*enforcement notice* li kien hemm. Imbagħad kellna niltaqgħu l-għada s-Sibt biex insibu soluzzjoni hemmhekk iżda wara nofsinhar ġejna nfurmati li l-*meeting* tħassar. Għalkemm kien hemm ħafna sforzi min-naħa tiegħi biex niltaqa' magħhom, litteralment għalquli l-bibien.

Id-dokumenti SA94 sa 99 huma *various options* ta' kif seta' jsir ix-xogħol u ġġib l-iżvilupp li kien hemm skond l-*area* li kien hemm qabel mingħajr ma tagħmel diżastru ambjentali, u bl-inqas impatt fuq is-sit bħala sit skedat u ta' ċerta *environmental sensitivity* minflok tgħaddi b'gaffa u tkisser kull m'hemm. Peress li l-istruttura kienet nbniet mill-ġdid, strutturalment kienet tippermetti li jinqatgħu biċċiet minnha. Jien ma kontx preżenti waqt li l-MEPA kienet twettaq l-*enforcement*. L-informazzjoni li kelli kienet li l-MEPA ċċirkondat il-post u żgumbrat lin-nies. Ma kien hemm l-ebda aċċess għall-post. Stajt biss insegwi x'qed jiġri mit-*television.*

L-ittri SA111 sa 113 jien ktibthom għan-nom tal-klijent li m'għandu jsir l-ebda twaqqigħ *oltre* l-limiti ta' l-*enforcement notice* u *oltre* l-linja kif indikata fl-istess *enforcement* permezz tas-*site plan*, peress li dawn baqgħu sejrin *oltre* dik il-linja u waqqgħu strutturi li kienu barra mis-*site* indikata fl-*enforcement*.

Meta mort mas-sid fuq il-post għamilna *survey* ta' l-affarijiet li saru *oltre* dik il-linja ta' l-*enforcement*. Dan għamilnih meta l-MEPA iddikjarat li huma lesti mis-sit. Prattikament ma kien baqa' xejn fuq il-post ħlief toqba u għamilt *survey* ta' l-affarijiet li kienu *oltre* dik il-linja ta' l-*enforcement*. Ir-ritratti 283 sa 298 huma ritratti li jien ħadt meta għamilt is-*survey* li jien semmejt fir-rapport tiegħi. Jien ibbażajt ir-rapport fuq dak li rajt jien.

Jien kont bgħatt ittra lill-MEPA biex nikkonferma li nistgħu nidħlu fil-post, ma rċevejt risposta u għalhekk għamilt telefonata fejn qaluli li lesti, għax qisu ħadd ma ried jinfurmana.

Xtaqt li min-naħa tal-MEPA kien hemm ftit aktar *buona volonta* iżda sfortunatament dan ma seħħx."

**Kontro- Eżami:**

"Il-kmamar li kien hemm oriġinarjament twaqqgħu mis-sid fuq rakkomandazzjoni tiegħi minħabba l-istat perikolanti tagħhom. Il-binja li kien hemm hija kollha binja ġdida. Niftakar li sar *meeting* wara seduta tal-Mandat ta' Inibizzjoni fejn kien preżenti l-Perit Farruġia. Ma niftakarx kienx qabel jew wara l-ittri li bgħatt. Kien hemm żewġ *meetings* mhux wiehed f'temp ta' erba' snin. Dwar dokument SA 91 u 92, peress li l-MEPA ma riditx taf bil-proposti li konna qed nagħmlu biex jitwaqqa' l-bini biċċa biċċa u jitħalla li kien hemm qabel, jiena bgħatt ittra fejn għidna li konna se nesegwixxu l-*enforcement notice.* L-ewwel parti kienet tgħid li jitwaqqa' l-bini. Jiena kont lest li nobdi dik l-*enforcement*, iżda ma kontx naqbel magħha li jrid jitwaqqa' kollox. Aħna bqajna sa l-aħħar nippruvaw nikkonvinċu lill-MEPA li kien hemm modi kif nikkonformu ma' l-*enforcement* mingħajr ma jitwaqqa' kollox u tinżamm

parti minnha. Dok. 94 huwa *option* ta' kif seta' jsir ix-xogħol mhux *method statement* ta' kif ser twaqqa'. Jien qatt ma biddilt il-pożizzjoni tiegħi. Aħna bqajna sa l-aħħar nagħmlu attentat biex ma nwaqqgħux kollox.

Il-klijent skava taħt l-istrutturi oriġinali biex neħħa l-materjal u nagħmlu pedament sod. Għamel *basement* u bena sular fuqu.

Jiena kont qed nissuġġerixxi, peress li s-*site* sensittiva li minflok twaqqa' kollox u terġa' tibni li kien hemm, il-*basement* jintradam kollu, jitgħatta bil-ġebel, u l-parti ta' fuq jekk hemm xi parti żejda, titnaqqas. Isfel nordmuh u jiġi siġillat u fuq nittrimjah biex jiġi skond l-*area*. L-*options* ma kinux legali.

Meta saru l-iskavi u l-bini jien kont il-Perit iżda dak iż-żmien il-post ma kienx skedat u ma kienx hemm l-*awareness* tal-lum. Meta daħlu l-MEPA kien skedat u xorta daħlu kissru kull m'hemm u għamlu frakass. La l-MEPA skedata bħal sensittiva mela fir-realta' hija sensittiva. Naqbel li  x'ħin twaqqa' bini u terġa' tibni minfloku trid permess. Il-klijent għandu permess biex jibni dak li hemm skond il-permess li nħareġ fil-1988."

Seduta 7 ta' Diċembru 2005
**Xehed il-Perit Stephen Farruġia (Fol. 342 A)**

"Kien hemm *various meetings* mhux wieħed.

Naħseb li hemm misinterpretazzjoni għax ovvjament treġġa' lura tfisser għal dak li kien hemm permess qabel u li ma kienx għadu waqa'.

Dak iż-żmien kont direttur eżekuttiv tal-MEPA. Illum ħriġt mill-MEPA.

Louis Micallef kellu l-ordni li jwaqqa'. Kellu talba ta' *quote* jekk ikun hemm bżonn jibni xi ħaġa. Minħabba li dan ix-xogħol jinvolvi flus ridna *quote* li tikkaverja kull eventwalita'. Tlabna wkoll *quote* biex jinbena biex jekk ikun il-każ, tkun lesta. Mhux aħna wasalna għad-deċiżjoni

li d-dar trid titwaqqa' kollha imma l-Qrati. L-evidenza kienet ċara li l-bini li kellna quddiemna ma kienx kopert bil-permess. Saru diskussjonijiet, kien hemm proposta mill-perit. Kien daħal perit ieħor ukoll. Il-proprjeta' li kellna quddiemna ma kinitx kundannata jew f'periklu li taqa'. Ma kontx naf dwar dik is-sitwazzjoni. Ħadd ma qalli. Kieku kont naf, l-ewwel wieħed kien jiċċertifika dik il-*claim.* In-naħa l-oħra qatt ma ġabet provi li l-binja kienet kundannata. Ħareġ dan il-fatt imma ma kienx korraborat minn l-ebda karta. Għalkemm semmew *police report* qatt ma ġabuh. Jiena llum ma nistax nagħti nterpretazzjoni ta' l-*enforcement notice* f'każ li jirriżulta li effettivament il-bini kien ta' periklu li jaqa' u kundannat, għax m'għandix dritt. Nirreżisti li nirrispondi l-mistoqsija, ħlief li ngħid fuq il-fatt li ħareġ wara jien kont lest li nibda niddiskuti. Meta ħareġ dan il-fatt jien kont nokkupa l-kariga ta' direttur għall-Ippjanar.

Kelli l-poter li tagħtini l-liġi. Kont nirreferi l-każi tad-*direct action* lill-uffiċjali ta' fuqi, *namely* ċ-*chairman*."

Seduta 7 ta' Diċembru 2005 (Fol. 342 O)

**Xehed Victor Micallef (fol 342 P)**
"Aħna naħdmu t-*tenders* tal-MEPA, skond id-direttivi li jagħtuni tal-MEPA. Naħdmu li jġiegħluni l-Ispetturi tal-MEPA.

Il-karti li kellna fuq din il-biċċa xogħol għaddejnihom lura l-MEPA, għax meta jgħaddi ċertu żmien ma żżommx karti għandek. Ngħadduhom lura meta nlestu x-xogħlijiet. Ma nafx meta kien. Nipprova niċċekkja meta kien mill-*files*. Sa fejn naf jien dik il-panta mhux qegħda għandna imma naħseb li kellna waħda. Ma niftakarx x'kienet turi l-pjanta.

Tal-MEPA qaluli biex inwaqqa' l-post u jien hekk għamilt. Aħna nieħdu t-*tenders* waħda waħda. Ibbażajna l-kwotazzjoni fuq li rajna jiġifieri li jrid jaqa' l-post. Jista' jkun li rajna wkoll il-pjanta. Tahielna xi ħadd mill-ispetturi tal-MEPA.

Ma niftakarx li kellna xi struzzjonijiet f'dan il-każ li nerġgħu nibnu parti minn dak li waqqajna. L-ordni kienet li nwaqqgħu l-post, il-villa magħmula ġol-blat waqqajniha skond direttiva li tawna l-MEPA. Jien nimxi skond l-ordnijiet tal-MEPA. Nobdi l-ordni ta' l-Ispetturi tal-MEPA.

Dwar it-toroq naf li ġbarna xi ġebel, stivajnih kollu fuq *pallets* pulit, ġbarnih u qiegħed fi proprjeta' tal-MEPA. Li qalilna biex inneħħu, neħħejnih u għamilnih fuq il-*pallets*. Neħħejnihom b'ordni tal-MEPA.

Niftakar li kien hemm għar. Sa fejn naf jien l-għar ma missejnihx, m'għamilnilu xejn. Ma missejna xejn. Il-*pool* ma qlajnihx. Il-kmamar tal-viċinanzi ma missejnihomx aħna. Aħna l-*area* biss missejna, il-villa u l-ġebel li kien jappartjeni mal-villa.

Tnejn mill-ħaddiema li kelli mietu. Noel Attard u Daniel. Silvio Micallef u Dennis Micallef. Jien mmur nittawwal u ma noqgħodx hemm minħabba xogħol ieħor. L-ordnijiet tal-MEPA jagħtuhom lili u jien nagħtihom il-ħaddiema.

Louis Micallef, *general manager* miegħi, jittawwal fuq il-post u ma joqgħodx hemm lanqas. Il-ħaddiema mbagħad kienu jaħdmu waħedhom. Minn tal-MEPA kien ikun hemm Johann Buttigieg l-Ispettur, u xi tlieta oħra.

Aħna qatt ma konna nidħlu waħedna, dejjem ma' l-Ispettur tal-MEPA u dejjem bil-pulizija magħna. Pulizija kien ikun hemm sitta, sebgħa *standby* hemmhekk.

Ix-xogħol dam xi ġimgħatejn.  U wara ħadna żmien ieħor biex dawwarniha bil-blokki biex ma tkunx ta' periklu. Ma kellix pjanti biex indawwarha bil-blokki. Tawna direttiva. Ma niftakarx minn kien l-Ispettur tal-pulizija.

Waqqajna l-bini bl-għodda, bil-Hymacks u bl-għodod waqqajna mhux bl-idejn. Ċertu xogħol għamilnih bl-idejn u ċertu xogħol għamilnih bl-għodda.

Illum is-sit huwa daħla ġol-blat, il-blat imqatta' u hemm ħofra ġol-blat.

Il-ġebel li ġbarna fil-*pallets* huma bal dawk li jidhru fir-ritratti.

Nagħraf li din parti mill-villa.

Il-bir hemm ħallejnih ma missejnielu xejn. Il-ġebel ħadnih u qiegħed fil-*pallets* għand il-MEPA. Il-bir għattejnih bil-planka u baqa' hemm.

Kien hemm rixtellu tal-ħadid. Qlajnih u qiegħed għand il-MEPA. Aħna ma rdamnix ħadid u lilu tajnih ċans jaqla' l-affarijiet tajbin u jeħodhom. Aħna konna preżenti meta ħa dawn l-affarijiet. Kif morna fuq il-post u beda jneħħi xi affarijiet. Aħna ma bdejnix fis-sebgħa ta' fil-għodu, bdejna f'xi l-ħdax jew nofsinhar.

Aħna qlajna r-rixtellu u l-ħadid tat-tul kollu. Le ma setax jidħol min irid fil-post għax dejjem kien ikun hemm pulizija għassa għax aħna konna nħallu l-għodda hemm. Sakemm domna hemm aħna kien għad hemm il-pulizija. Ir-rixtellu ma setax jerġa' jitpoġġa f'postu għax l-istruttura, il-pilastri tal-ħitan aħna qlajnihom.

Ma jidhirlix li jien jew xi ħadd mill-ħaddiema reġa' poġġa r-rixtellu u l-ħadid tad-dawra f'postu.

Kien hemm xatba żgħira. Dik konna qlajniha u erġajna waħħalnihielu, kif tawna direttiva biex nagħmlu hekk, l-ispetturi tal-MEPA, biex ma jinżlux nies hemm isfel fil-proprjeta' tiegħu. Kienet kwistjoni ta' ġranet meta nqalgħet u reġgħet twaħħlet. Aħna konna għadna hemm.

L-iskultura qegħda fuq *pellet* għaliha waħedha.

Il-lista ta' l-affarijiet li elevajna minn fuq il-post qegħda għand l-ispetturi tal-MEPA, saru anke ritratti u filmati.

Kull oġġett li nagħmlu mal-MEPA jeħdulna l-filmati u ritratti, u jkolli xi ħamsa min-nies tal-MEPA miegħi b'seba' għajnejn x'aħna nagħmlu. Ma nistgħux nagħmlu oġġett minn jeddna, nagħmlu li jġiegħluna huma.

Ma niftakarx x’hemm eżatt fil-lista. Rigward il-ġebel u l-iskultura l-ordni kienet li niġbruhom bl-idejn. Fuq *light fittings* ma niftakarx. Is-Sinjur żarmaha, neħħa l-għamara, neħħa l-affarijiet. L-għamara u l-affarijiet li setgħu jinqalgħu, kellu ċ-ċans jaqlagħhom u ħadhom.

Jien tħallast tax-xogħol li sar mingħand il-MEPA.

Jien kelli kuntrattur ieħor jgħinni. Ċertu wieħed il-Guber, ġar tas-Sinjur.

Meta nkun imħabbat bix-xogħol inqabbad kuntrattur ieħor jgħinni.”

Seduta 15 ta’ Marzu 2006
**Xehed Louis Micallef (fol. 347)**

“Aħna kumpanija Roc-A-Go Cane Services Ltd, u kellna awtorita’ mingħand MEPA biex inwaqqgħu dan il-fond.

Esebixxa pjanta li kien rrefera għaliha f’xhieda li ta f’kawża oħra. Din kien tahieli Johann Buttigieg u kien hemm xi ħaddieħor miegħu. Konna se nikkwotawha għall-bini wara t-twaqqigħ pero’ xi gimgħa wara qaluli nikkwotaha twaqqigħ biss. Ma tawni xejn aktar ħlief dik il-pjanta.

L-ordnijiet kienu jagħtuhomli n-nies tal-MEPA, in partikolari Johann Buttigieg u d-direttur Stephen Farruġia. Farruġia qatt ma rajtu fuq il-post. Fuq il-post kien ikun hemm Johann Buttigieg u l-*enforcement officer* tiegħu.

L-ordni kienet li jitwaqqa’ l-fond totalment. Dwar it-triq, l-għar u l-kmamar, kien hemm xi ġebel fil-kuritur tat-triq li neħħejna parti minnu, u xi *gate*, li kienet barra, tat-triq, li wara erġajna waħħalniha. Din kienet tagħlaq il-proprjeta’. Ma nafx kemm domna biex erġajna waħħalnieha. Naħseb kienu ġimgħat. L-istruzzjoni biex naqlagħha, u wara biex nerġa’ nwaħħalha tawhieli tal-MEPA.

Fl-għar ma dħalniex. Ma nafx kienx hemm ħaddieħor li daħal.

Dwar it-triq l-unika ordni li kien hemm kienet dwar il-ġebel li neħħejna minn fuq iċ-ċint. Il-ġebel kienu ċ-ċangaturi li qlajna minn fuq il-ħitan tas-sejjiegħ. Qlajna parti mit-tul tat-triq mhux it-triq kollha.

Dwar il-kmamar, *oltre* l-fond innifsu ma kienx hemm ordnijiet.

*Oltre* n-nies tal-MEPA kien hemm ukoll il-Pulizija li kellhom permess jidħlu fis-sit. Ma nafx x'kien il-funzjoni tagħhom, forsi bħala għassa għax jinqala' l-inkwiet. Jien qatt ma tkellimt magħhom u ma nafx min kienu. Bl-amment ma nafx kemm dam sejjer ix-xogħol imma ġimgħat.

Il-ġebel konna żammejnih għandna imma ħarġet ordni mll-MEPA biex neħduh f'imħażen tagħhom.

Fejn hemm il-bir kollu twaqqa'. Il-ġebel tneħħa minn hemm ukoll. Ma nafx xi ħsara seta' sar fih meta twaqqa' l-bini.

M'għandix idea jekk l-għalqa li hemm quddiem l-għar kienx fiha xi ħaġa. M'għandix idea fuq siġar taż-żebbuġ, pjanti jew qsari. Jista' jagħti l-każ li kien hemm xi siġar imma ma nafx x'sar minnhom.

L-iskultura qatt ma rajtha jien. Kien hemm xi skulturi li kienu esebiti fil-bitħa u nġarrew fl-imħażen tal-MEPA, imma dik qatt ma rajtha. Kienu tipo xeni tal-Kavallieri, bandieri u affarijiet hekk maħdumin moderni.

Il-MEPA suppost għandhom *record* tax-xogħol li għandhom. Jien m'għandix kopja. Dawn l-affarijiet damu għandi xi sentejn. Talbuhomli għax kien hemm mil-kera ta' l-art.

Fuq *light fittings* m'għandix idea.

Kif lestejna, naddafna u għalaqna l-*area* bil-*concrete blocks* biex ma jkunx hemm periklu. Il-MEPA ma tawnix struzzjonijiet biex nerġa' nibni.

Il-pjanta li semmejt kienu tawhieli l-MEPA. Fil-bidu kelli nikkwota għat-twaqqiegħ u għall-binja tal-fond. Ma tawnix raġuni għalfejn it-tieni talba kienet biex nikkwota għat-twaqqiegħ biss u ma kellmunix iżjed fuq bini. Biex nibni kont inqabbad kuntrattur.

Jien tħallast tax-xogħol kollu li għamilt. Il-ħlas sar mill-MEPA."

**Xehed Dominic Attard (fol.358)**

"Meta kien hemm il-kwistjoni ta' Satariano jiena kont fil-kariga ta' Spettur Anzjan fil-Korp tal-Pulizija, stazzjonat ir-Rabat. Fiż-żmien il-każ ta' Satariano kont stazzjonat il-Ħamrun u nlaħħaq ir-Rabat.

Niftakar li Satariano kien għamel rapport l-Għassa tar-Rabat. Kont mort fuq il-post u stajt nara li kien hemm ħafna ġebel ta' daqs konsiderevoli fit-triq tal-post ta' Satariano. Hu ma riedx jipproċedi bil-Qorti peress li dawn kienu ġirien tiegħu. Talabni nagħti *warning* biss. U hekk għamilt.

Ma jidhirlix li talbu jġib ċertifikat dwar l-istruttura nfisha. Ma niftakarx jekk rajtx ħsara fl-istruttura, pero' ġebel kbir fuq il-bejt rajt żgur."

**Xehed Johann Buttiġieg (fol. 379)**

"Jiena llum nokkupa l-kariga ta' Planning Officer mal-MEPA. Fiż-żmien li sar it-twaqqiegħ jiena kont *Senior Enforcement Officer.* Kont ilni xi tmien snin.

F'dan il-każ kont involut jien, l-assistent direttur il-Perit Stephen Farruġia, id-direttur il-Perit Godwin Cassar, iċ-Chairman u *enforcement officer* Joe Agius li kien jassistini. Jonathan Orlando kien l-*enforcement officer* li ħareġ l-*enforcement order*. Ma nafx kienx involut f'xi

appell, rrid nara l-*file*. Għand id-*direct action team* il-*file* jasal wara li jkun deċiż mill-appell jew mill-Qorti ta' l-Appell.

Jiena dħalt fil-każ meta ġie biex jitwettaq l-avviż. Qabel ma kontx involut. Il-*files* imorru lura għall-1988 u għall-1968.

Fl-1968 kienet għadha mhux proprjeta' ta' Satariano. Kienet ta' Serafin Abela u kienet inbdiet *legal action* min-naħa tal-Public Works biex ħajt li kien inbena mad-dawra jitneħħa. Il-Qorti kienet sabitu ħati. Il-*file* kien PB2644/68. L-ittri li kienu jintbagħtu kienu jidħlu fil-*file*, apparti l-miżuri, deċiżjonijiet, permessi etc.

Fil-*file* tal-1988 hawn applikazzjoni minn Satariano biex jagħmel estensjoni mad-dar, hawn xi ritratti kif kienet oriġinali. Din ingħatat biex jgħaqqad iż-żewġt ikmamar. Qabel il-1988 naħseb li kien hemm *refusal*. Il-binjiet kienu hemm u kkunsidrati bħala antiki. L-alterazzjonijiet kollha wara l-1967 jirrikjedu permess. Il-binjiet kienu hemm qabel il-1967 u m'hemmx kontestazzjoni fuqha din. Fil-pjanta li hemm approvata jidher li hemm żewġ binjiet, kuritur li jgħaqqadhom u kamra *at a lower level*, ma jgħidlekx x'inhi l-kamra. Mid-deċiżjoni li kien hemm u mit-trattazzjoni ta' l-appell tal-Planning Appeals Board jidhirli dik il-kamra kien is-saqaf tat-terazzin ta' xi *bar* li kien hemm.

Naf li kien hemm bini ieħor imma mir-riċerki li għamilna dan ma kellux permess.

Jekk qed tirreferi għal dawk it-tlett ikmamar li hemm fl-isqaq ta' taħt il-villa dawk fl-*aerial photos* ta' l-1967 ma jidhrux. Dawk jiġu mal-blat u mill-*aerial photos* ma jidhrux. Dawk ma kinux parti mill-azzjoni li ħadet l-awtorita'.

Bħala ksur li jkun hemm huwa fl-*enforcement file.*

*Once* li *enforcement officer* ikollu l-każ, imur fuq il-post jara l-affarijiet, jieħu notamenti u joħroġ *enforcement order*. F'dan il-każ kien hemm *refusal* u l-azzjoni bdiet

wara r-*refusal*. Naħseb li mar *on site* imma staqsi lil Jonathan Orlando.

Jien dħalt fil-każ wara d-deċiżjoni ta' l-appell. Ma nistax nitkellem fuq avvenimenti li ġraw qabel. Jekk ikun hemm appell jew applikazzjoni sanatorja, l-*file* jibqa' għand l-*enforcement officer*. *Once* li jkun hemm deċiżjoni, anke mill-Qorti ta' l-Appell, il-*file* jiġi għandna. Nirċievu struzzjonijiet mingħand id-direttur ta' l-Ippjanar jekk immexxux jew le. *Once* li l-*file* jiġi għandna nerġgħu nivvettjawh kollu, inkluż l-applikazzjonijiet li jkun hemm, u naraw attwalment x'hemm *on site* ma' attwalment x'kienet tgħid l-*enforcement order*, etc.

Aħna nivvettjaw kollox, il-proċedura kollha, għax jista' jkollha avviż mhux appellat u nkunu rridu naraw li ġie notifikat skond il-liġi, etc.

Qabel dħalt jien kien hemm Jonathan Orlando, *enforcement officer*, u s-*senior* tiegħu Oreste Galea.

L-applikazzjoni tal-1988 kienet PB20488 *extension to existing building* u saret fil-21 ta' Ottubru 1988, bil-pjanti annessi. Dawn huma fil-bidu tal-*file*. Kull permess li joħroġ min-naħa ta' l-awtorita' jkollu referenza u jkollu *approved drawings*. F'dan il-każ ġiet *approved* il-pjanta PAPB420288/10A bis-saħħa ta' permess li ħareġ fil-11 ta' Jannar 1990.

Din tkopri l-*proposed corridors* adjaċenti mal-bini li fuqu qed nitkellmu.

Wara daħlu pjanti ġodda mill-Perit Alfred Grech għal alterazzjonijiet oħra, fosthom *pool*, li l-*configuration* tal-binja titbiddel kompletament, etc, li dejjem ġew *refused*.

Fil-*file* hemm ittra ta' l-istess Perit li tgħid li l-kmamr kellhom jiġu mwaqqgħin għax kienu mibnija fuq il-ħamrija. Din l-ittra kienet għad-dispożizzjoni tiegħi kif ukoll tal-Bord li rrifjuta t-talba.

Min effettivament iwettaq l-*enforcement* ma jmurx bil-*buona volonta* tiegħu iżda kull azzjoni trid tiġi approvata mid-direttur ta' l-Ippjanar bħala *direct action*. Mhux bħala ħruġ ta' *enforcement notice* li tista' toħroġ mill-*enforcement officer*. Ix-xogħol isir mill-*enforcement team* li jirrappreżentaw lid-direttur u jieħdu d-deċiżjonijiet huma in kwantu għat-twettiq innifsu ta' l-*enforcement order.*

L-avviż iffirmah Jonathan Orlando. Ma nafx jekk għad-*drafting* tiegħu kkonsultax mas-*senior* tiegħu jew ma' xi ħaddieħor. Bħala firmatarju ġeneralment ifisser li jkun ħadem fuqu hu. Ma nafx ikunx hemm xi għajnuna minn xi *case officers*.

L-avviż jgħid *"Għandek żvilupp mingħajr permess konsistenti minn olterazzjoni u addizzjoni u xogħol ieħor relatat hekk kif speċifikat fir-rifjut PA4204/88 kif ukoll hajt (boundary wall) li jagħlaq il-madwar tas-sit".* Ma ntużawx il-kliem li l-bini kollu huwa bla permess għax it-talba ta' Satariano kienet għal estensjonijiet u alterazzjonijiet u baqgħu jintużaw l-istess kliem.

Bħala *direct action team* kellna idea ta' x'kien hemm *on site* imma għamilna *inspection* fil-preżenza ta' Mrs. Satariano u anke tas-Sur Satariano.

Dan kien fl-2001 qabel ma għalaq it-terminu tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Kollox ġara f'dawk il-ħames ġimgħat. Konna nfurmajna lil Mrs. Satariano li l-Qorti ta' l-Appell kienet ċaħdet it-talba tagħhom u li kellhom ħmistax-il ġurnata biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom skond l-*enforcement order*.

Li jgħodd huwa dak li jkun miktub fl-*enforcement notice* mhux li jkun miktub fil-*website* tal-MEPA.

*On site* konna jien u Joe Agius.

Għamilna *superimposition* tal-permess li kien ħareġ fl-1991 ma x'kien hemm attwalment fis-sit, u f'dik is-*superimposition* irrizulta li ma kien hemm xejn jaqbel.

Għalhekk wara li kkonsultajna mad-Direttur ta’ l-Ippjanar ġie deċiż li prattikament il-bini kollu jrid jaqa’.

Fid-deċiżjoni tal-Planning Appeals Board fol. 13 tgħid li dan qed japplika *“for a totally new dwelling”.*

Is-sentenza ingħatat wara li nħareġ l-*enforcement*. U kwalunkwe deċiżjoni oħra li ttieħdet, dejjem kienet wara li nħareġ l-*enforcement*.

Inħareġ *enforcement* ieħor 936/01 għax wara li konna *on site* indunajna li kien hemm *infringements* oħrajn. M’għandux x’jaqsam mas-sit mertu tal-kawża, iżda huwa sit adjaċenti. L-uniku *enforcement* li ħareġ dwar is-sit mertu tal-kawża huwa 1434/97.

Roc-a-Go ġew inkarigati mix-xogħol tat-twettiq. Jimxi fuq l-istruzzjonijiet li nagħtuh aħna prattikament fil-ġurnata. It-twaqqigħ beda fis-17th July u spiċċa fil-31st July. Aħna konna nkunu hemm prattikament kuljum. Hu kellu idea x’għandu jwaqqa’ u ma jwaqqax peress li tana *quotation* ta’ kemm tiswa l-operazzjoni.

L-ewwel ordni kienet li jitneħħew l-affarijiet mobbli li kien hemm fis-sit u li ma kinux tneħħew minn xi nies li sibna *on site* fl-ewwel ġurnata li kienu qed ineħħu xi affarijiet. Dawn qegħdin fil-pussess tal-MEPA: *railings*, *pregnant windows*, kanali, ħwat u ġebel.

Dawn in-nies kienu mqabbda minn Satariano. Kien hemm l-Ispettur Miruzzi u ġiegħlnih jeħdilhom il-*particulars*. Jien m’għandix *particulars* imma għandi ritratti juru lin-nies jieħdu l-affarijiet. Il-Pulizija qegħda hemm biex tassistina taħt l-Art. 55, għall-*buon ordni*. Jekk ikun hemm nies li ma jobdux l-ordnijiet tagħna, jidħlu l-Pulizija.

Minn x’hin nidħlu *on site* r-responsabbilta tkun tagħna. Qabel nidħlu *on site*, m’aħniex responsabbli. Qabel dħalna *on site*, nofs id-dar kienet żarmata, mobbli, aperturi, *railings* etc. Għandna lista ta’ l-affarijiet li ħadna li ġiet pubblikata fil-gażżetta, 4 t’Awissu 2004. It-twettiq sar fl-2001, jiġifieri l-pubblikazzjoni tal-lista saret 3 snin wara.

Qatt ma għaddejnihielu l-lista lil Satariano. Qatt ma kellna aktar kuntatt miegħu. Meta bgħatna korrispondenza l-Gaba dejjem bagħtulna biex ma nibgħatux hemm, inkluż il-kont.

Fl-2001 ma kellniex poter li niddisponi minn dawn l-affarijiet iżda l-*legal notice* tal-2002 tatna dan il-poter.

M'għandix ittri li juru li ntbagħtet korrispondenza lil Satariano u ġiet lura.

Il-lista lanqas intbagħtet lill-Perit tiegħu jew xi rappreżentant tiegħu. Aħna staqsejna lin-nies li sibna fis-sit iżda dawn dejjem qalulna li ma jafux fejn hu. Matul iż-żmien li sar it-twettiq Satariano qatt ma ġie 'l hemm, lanqas rappreżentanti tiegħu. Dan qatt ma deher fuq il-post la hu u lanqas rappreżantanti tiegħu.

Matul iż-żmien tat-twettiq konna aħna, in-nies inkarigati minnha u l-pulizija.

L-*area* milquta mill-*enforcement* kienet il-villa, il-bini nnifsu tal-villa u l-*area* li tmiss mal-villa."

Depożizzjoni sospiża.

**Seduta 15 ta' Novembru 2006**

**Xehed Johann Buttiġieg (fol. 409)**

"L-ewwel applikazzjoni kienet għal *reconstruction of walls*, kien hemm proċeduri fil-Qorti u hemm deċiżjoni li nstab ħati li nbew bla permess.

L-*area* ta' l-*enforcement* hi fejn hemm id-dar. Il-permess li ħareġ kien PB 4204/88. Kien hemm żewġ strutturi li kienu dikjarati wkoll fil-*file* u ngħata permess biex jinbena kuritur biex jingħaqdu dawn iż-żewġt ikmamar.

Il-paġni tal-*file* jkunu numerati. Il-korrispondenza relattiva tidħol kollha fil-*file* iżda jekk l-applikant ma jikkwotax in-numru tal-*file* fil-korrispondenza tiegħu, dik il-

korrispondenza ma tidħolx f'dan il-*file*. Min-naħa tal-MEPA, dawn ikunu dejjem għad-dispożizzjoni tas-sid ta' l-art jew uffiċjal. Fil-*files* hemm il-permessi u l-pjanti.

L-informazzjoni dwar l-*enforcement* tkun fl-*enforcement file*. Fl-*enforcement file* hemm minuta tax-xogħlijiet li kienu saru mingħajr permess.

Fil-*file* tal-1988 hemm indikat li l-proprjeta' kienet fi stat perikoluż u kienet ġġarfet. Kien hemm ukoll komunikażżjoni bejn il-Perit u l-Bord. Il-Bord ma kienx aċċetta r-raġunijiet tal-Perit Alfred Grech. It-talba biex jitwaqqa' u jerġa' jinbena saret fl-istess applikazzjoni 4204/1988 u ġiet rifjutata *on environmental grounds*. Dak li ġie approvat kien *extensions* u *alterations* żgħar. L-pplikazzjoni kienet saret *for extensions and alterations* iżda meta wieħed janalizża l-pjanti, jirriżulta li prattikament qed jagħmel *total demolition* u *re-erection* ta' struttura kompletament ġdida. Din l-unika *application* li ġiet *refused* għax l-oħra ġiet *withdrawn.* Fil-*file* hemm il-pjanti tal-permess PB5/90/4204/88.

Bħala *enforcement unit* għandek l-*enforcement manager* jew id-direttur ta' l-Ippjanar, tlett *sections*, *north* ta' Malta, *south* ta' Malta, u binjiet ta' barra mill-*iscale*. Dwar il-proprjeta' in kwistjoni ma nafx jekk dak iż-żmien kienx hekk, bid-distrett, imma llum hekk. L-*enforcement officer* konċernat dak iż-żmien kien Jonathan Orlando, illum ma nafx min hu. *Once* li l-*file* jiġi eżawrit mill-proċeduri normali, il-*file* jintbagħat għand id-*direct action team* biex jittieħdu dawk il-passi li s-sid ma jkunx ħa. Il-ħruġ ta' l-*enforcement* sar minn Jonathan Orlando. Kull min joħroġ *enforcement* etc u jesegwixxi xi ħaġa jkun qed jaġixxi għan-nom ta' l-awtorita'. Ħadd ma jista' jaġixxi jekk mhux f'isem id-direttur ta' l-Ippjanar. L-azzjoni tittieħed għan-nom ta' l-awtorita' u bil-kunsens tad-direttur ta' l-Ippjanar.

Jekk ħax parir fuq dan il-każ partikolari Jonathan Orlando biex jiddraftja l-*enforcement notice* ma nafx ngħidlek. L-*enforcement* jirreferi għall-villa li telgħet bla permess kompletament. Il-*wording* jgħid *"Għandek żvilupp mingħajr permess konsistenti minn alterazzjonijiet, addizzjonijiet u*

*xogħol ieħor relatat kif speċifikat fir-rifjut EB 4202/88, maħruġ fil-21 ta' Awissu 1998. Kif ukoll high boundary wall li jagħlaq il-madwar ta' l-istess sit. Tneħħi l-iżvilupp kollu li għandek migħajr permess u treġġa' lura s-sit għall-istat oriġinali tiegħu fi żmien sittax il-ġurnata billi tibni biss skond il-pjanti tal-permess PB594204/80 maħruġ fil-11 ta' Jannar tal-1990. "*

L-*enforcement* ma waqafx f'li jibni biss skond il-permess għax il-bini oriġinali kien f'livell, dan il-bini tneħħa, ġie skavat taħtu u nbnew żewġ sulari. Mela jekk se tneħħi l-bini llegali, prattikament kollox, tispiċċa b'*area* vojta. Tista' terġa' tibnihom imma trid tkun kapaċi timxi ma' dak il-permess. Jekk ma tistax timxi ma' dak il-permess trid terġa' tapplika skond il-*policies*. Jekk kapaċi żżomm dawk iż-żewġt ikmamar fl-arja, iva.

M'għandekx pedament għax is-sular ta' taħt illum huwa mħaffer."

Mistoqsija: Jiġifieri min jagħmel pedament taħt u jibni fuqu, ma jirnexxilux jibni?

Tweġiba: Jekk kapaċi tasal bi proposta li timxi mal-permess li kellek, aħna naċċettawha. Kien hemm proposti imma m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' kif kien il-permess. Skond il-pjanti ma kienx hemm kamra taħt dawk iż-żewġt ikmamar , iżda kamra iktar 'l isfel.

Is-sistema ta' l-*internet* bdiet bejn wieħed u ieħor xi tlett snin ilu.

A fol. 191 l-*enforcement* jgħid *"extensions and alterations to dwelling without permit".*

"Biex nesegwixxu bħala superviżjoni min-naħa ta' l-awtorita' kont jien u bħala kuntrattur Roc-a-Go Crane Services Ltd.

Wara li ppruvajna naraw nistgħux insalvaw xi ħaġa mid-dar, id-deċiżjoni kienet li ma jista' jissalva xejn u allura

għandha taqa' kompletament. Dik kienet id-deċiżjoni li aħna ordnajna lil Roc-a-Go Crane Services jagħmel.

Għalkemm hemm *enforcement*, internament, jiġifieri f'livell ta' direttur 'il fuq, ppruvajna naraw nistgħux insalvaw xi ħaġa. Mal-proprjetarju ma kienx hemm diskussjonijiet bħal dawn. Aħna wara li kien hemm id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell, infurmajna lil Mrs. Satariano għax Mr. Satariano kien imsiefer, li wara li jiskadi ż-żmien mogħti mill-Qorti ta' l-Appell, konna se nesegwixxu l-*enforcement notice*. Naħseb li kien hemm it-tifel u tifla tagħhom ukoll. Aħna morna flimkien mal-Pulizija u għidnilhom li wara li jiskadu l-ħmistax-il ġurnata mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell, l-awtorita' kienet ser tesegwixxi.

Aħna dakinhar ma morniex biex inwaqqgħu u lanqas stajna nwaqqgħu għax it-terminu tal-Qorti ta' l-Appell kien għadu *in vigore*. Anzi aħna morna navżawhom li jekk huma mhux se jiġu bi pjan ta' twaqqigħ konna se nwaqqgħu aħna a spejjeż tagħhom.

Fiżikament waqt it-twettieq konna jiena u Joe Agius. Min-naħa tal-Pulizija ma nafx min kien hemm imma nistgħu nġibu r-*records* tagħhom. Min-naħa tar-Roc-A-Go kien hemm numru ta' ħaddiema imma qatt ma kien hemm is-sid. Il-Pulizija tkun hemm għall-*buon* ordni u biex prattikament jibdew proċeduri ta' twaqqigħ. Il-Pulizija jkunu hemm għall-infurzar jekk jinqala' l-inkwiet mill-bqija ma jagħmlu xejn. Fil-fatt wara t-tielet ġurnata l-Pulizija bdew jitnaqqsu. Il-Pulizija nsejħulhom aħna, bħala *senior enforcement officer*.

L-*area* milquta kienet il-villa u l-ħitan li kien hemm madwarha. Fiż-żmien li ħareġ l-*enforcement*, il-liġi ma kinitx tirrikjedi wkoll *site plan* bħala parti mill-*enforcement notice*, imma jekk trid nimmarkahielek fuq *site-plan*. Aħna konna nafu l-*area* mir-ritratti u l-minuti. Kienet il-villa *per se* u l-*boundary walls*, kif kien ukoll miktub fl-*enforcement notice*. S'hemm wasalna.

Aħna konna tajna pjanta tal-permess kif ħareġ lil Roc-A-Go biex naraw jistax jiġi salvat xi ħaġa. Meta ddeċidejna li

għandu jitwaqqa' kollox lil Roc-A-Go ma erġajniex tajnih pjanta.

L-għar ma kienx inkluż. Ma konniex nafu bih, la jien u lanqas l-*enforcement officer*, u ħarġet *enforcement notice* oħra wara.

It-toroq l-istess, separatament ħarġet *enforcement notice* oħra wara. Anke l-kmamar li hemm aktar 'l isfel, ġew inklużi fit-tieni *enforcement notice*.

Nippreċiża li min-naħa ta' l-awtorita f'dawn l-*areas* ma ntmess xejn.

Muri *enforcement notice* jikkonferma li dak kien it-tieni *enforcement notice*, li kien jirreferi għat-trejqa, bini ta' kamra fl-istess trejqa, bini ta' ħitan mhux inklużi fl-ewwel *enforcement notice*, żvilupp ta' *pool*, pavimenti u strutturi oħrajn ġo grotta, u dan mingħajr permess. L-ewwel azzjoni li ttieħdet fil-konfront ta' dan l-*enforcement* kienet fit-3 ta' Settembru 2001, kif tindika d-data tiegħu.

Min isejjaħ lill-ġurnalisti, ġeneralment ikunu jafu, biss ma nafx jekk f'dan il-każ partikolari infurmathomx l-awtorita' stess. L-informazzjoni dwar it-twettieq hija stqarrija pubblika min-naħa ta' l-awtorita, sakemm ma jkunux fittxew fl-*internet*, etc. F'dak il-każ ikunu limitati għall-informazzjoni li jkun hemm fuq l-*internet*. Hu l-PR office ta' l-awtorita' li tgħaddilhom ir-ritratti sakemm ovvjament ma jidħlux fil-post u jiġbdu r-ritratti huma.

Min-naħa ta' l-awtorita' m'għandna l-ebda jedd li nwaqqfu ġurnalisti milli jidħlu fil-proprjeta' għax il-proprjeta' mhux tagħna. Jekk irid l-individwuma jħallihomx jidħlu fil-proprjeta'.

Jekk għall-operazzjoni mhux ta' xkiel jien ma nwaqqaf lil ħadd milli jidħol fis-*site*. Irid jidentifika ruħu u nħalluh jidħol.

B'referenza għal dak li qalu l-ġurnalisti, ix-xhud jgħid li l-awtorita nfurmathom li kienet se tieħu passi fuq l-għar u t-triq li kienet bla permess.

(Kellu jiġi esebit x'intqal mill-ġurnalisti peress li l-avukat ta' l-attur insistiet li l-ġurnalisti ma kkonfermawx dak li kien qed jgħid ix-xhud).

X'qalu l-ġurnalisti ma nafx għax ma qrajtux. F'dan il-każ kien id-direttur ta' l-Ippjanar u l-PRO li kellhom kuntatt mal-ġurnalisti. Jiena la nkellem u lanqas kellmuni ġurnalisti. Id-direttur u l-PRO li jkellimhom. Tnejn minn dawk ir-ritratti li hemm probabbli huma ritratti li aħna stess inkunu ħadna. Aħna fornejnielhom ir-ritratti. Min-naħa tal-PRO toħroġ sett ritratti.

Fuq domanda jekk jagħrafx ir-ritratt ta' l-għar tat-Times iwieġeb: Inqabbel ir-ritratti rrid għax ma niftakarx x'ritratti ħadna.

Meta effettivament twettqet l-*enforcement* aħna ma kellniex pjanta tal-permess PB4202/88 fuq il-post. Segwejna dawk il-pjanti pero' għax konna għamilna analiżi qabel biex inkunu nafu jekk nistgħux insalvaw xi ħaġa. Dan sar kemm fuq il-pjanti kif ukoll fuq il-post. Meta morna fuq il-post ma konniex dħalna ġewwa.

Sa l-aħħar spezzjoni li għamilt fuq il-post, is-sit illum hija biss ħofra. Għandi xi ritratti li juru kif inhu l-post llum. Hemm ritratti li juru kif kienet il-proprjeta' qabel u kif kien mibni l-post. Kif kien il-post qabel il-bini ta' Satariano ma għandniex ritratti. Hemm biss ritratti minn barra fil-PB *file*. Hemm żewġ ritratti fil-4204/88, li ġew sottomessi mill-applikant.

Naf li Roc-A-Go elevaw xi affarijiet minn fuq il-post, li jinsabu fl-*istores* ta' l-Awtorita. Għandna lista ta' l-affarijiet li nobbliga ruħi li nġibha. Jekk mhux niżbalja kienet dehret lista fil-gażżetta tal-gvern dwar l-affarijiet li ġew elevati. Ma nafx jekk lil Satariano konniex ktibnilu dwar l-affarijiet li ġew elevati. Niċċekkja mal-*legal office*. Li Satariano nfurmajnih li konna se nieħdu l-affarijiet għaliex għidna lir-

rappreżentant tiegħu li kienu qed ineħħu xi affarijiet huma stess u għidnilhom li dak li mhux se jieħdu konna se neħduh fil-pussess tagħna, u hija wkoll mitluba mil-liġi.

It-twettiq dam sejjer *fifteen days*. Niċċekkjalek eżatt. Le mhux kien hemm xi ħadd minn ta' Satariano kuljum f'dawn il-*fifteen days*. Fl-ewwel ġurnata biss. Aħna fl-ewwel ġurnata biss elevajna affarijiet li tista' żżomm. Mill-bqija l-ġebel jintrema. Ix-xogħol fejn qlajna l-affarijiet dam xi tlett siegħat. *Approximately* imbagħad ħadna *fifteen days* inwaqqgħu d-dar.

Jien ma għandix ismijiet tan-nies li kien hemm hemmhekk. Dawk ħaduhom il-Pulizija."

Mistoqsi kif jaf li n-nies kienu ta' Satariano, mill-mod kif wieġeb jidher li assuma li kienu ta' Satariano. Jikkonferma li Satariano qatt ma kien fuq il-post. Jikkonferma li lit-tifel ta' Satariano jafu u li lanqas dan qatt ma kien fuq il-post. Jikkonferma li sakemm dawn in-nies ħadu l-affarijiet huwa kien fuq il-post u għandu ritratti ta' dawn in-nies jgħabbu fil-vannijiet. Jikkonferma li dan kollu ġara wkoll fil-preżenza tal-Pulizija.

**Fol. 636 Xehed Jonathan Orlando**

"L-*enforcement* ħriġtu jien. Dak iż-żmien kont *enforcement officer*, illum *planning officer*. Id-*drafting* kien diskuss mal-*manager* u jien kont involut. Dak iż-żmien l-*enforcement* kien ix-xogħol tiegħi. Normalment qabel isir l-*enforcement* nara l-illegalita' jew affarijiet li mhumiex skond il-permess. F'dan il-każ aħna għamilna l-*enforcement* u tajna każ ukoll tal-permess li kien eżistenti. Dan tajna każ tiegħu wkoll fid-*drafting* ta' l-*enforcement*.

Meta ma jkunx hemm permess naraw x'inhi l-illegalita' u fl-*enforcement* tissemma l-illegalita' li nkunu qegħdin naraw dak iż-żmien. L-ordni li tingħata fejn ma jkunx hemm permess hija li tirregolarizza. Hemm ħafna modi kif tirregolarizza, skond x'ikun l-*infringement*.

Aħna naraw kull *file* possibbli relatat mas-sit qabel ma jinħareġ *enforcement*. Muri *file* 4204/1988 u mistoqsi jekk rax il-minuti li hemm fih, jwieġeb li normalment nidħlu fil-*file* biex naraw l-*outcome* kollu iżda mhux fil-proċess. Bħala *enforcement* li jinteressa hu hemmx permess jew le. U tara hemmx affarijiet pendenti li jistgħu jaffetwaw l-*enforcement* biss eż: applikażżjoni pendenti, każ għadu l-Qorti, appell ...

Jien ħriġt *enforcement* fuq binja lesta mhux kienet għadha tinbena. Li nnutajt kien li meta qbadt il-permess li kien hemm fil-1992 għal *alterations*, malli qed naraha *on site* tkun totalment differenti. Kienet *straight forward* ħafna għalkemm kien hemm bżonn li ssir *survey*. Kien ovvju li ma jaqbilx mal-permess li għandi f'idejja. Jien irriflettejt dak li rajt f'dak li ktibt fl-*enforcement*."

Mistoqsi mill-Qorti x'kien ovvju jwieġeb li *"kien hemm ħafna iżjed milli qed tara fil-pjanta".*

Mistoqsi mill-Qorti kienx qed ifisser li *kien hemm bini ħafna aktar milli kellu permess għalih"* iwieġeb *"eżattament".*

Jikkonferma li l-minuti fil-*files* ikunu numerati f'sekwenza wara xulxin u jaqbel li d-dokumenti mhux dejjem jirriflettu għax ikollok minuti mingħajr dokumenti. Pero' ma jinqabżux numri bejn il-minuti u dokumenti. Jiena nuża l-kulur l-aħmar għal meta nibgħat u l-kulur blu għal meta nidħol ġewwa, pero' din mhix xi *standard*, hija ħaġa li nuża jien.

Mistoqsi jekk ħax in konsderazzjoni fol 70 *et seq* u l-minuti li hemm fihom, li kienu jirrigwardaw problemi fl-istruttura, jgħid li ma jistax jgħid jekk irreferiex għal dawk partikolari.

"Bħala *enforcement officer* ma nistax nagħti każ jekk hux *dangerous* jew le. Dik il-perit tekniku jaraha. Li nista' ngħidlek jekk hemmx permess jew m'hemmx permess biss.

Ma nistax nixhed dwar x'kien jiġri fil-1990 għax ma kontx għadni hemm."

Mistoqsi jekk kienx ħa in konsiderazzjoni l-affarijiet li ġraw fil-1990, jwieġeb: *"Jien li rajt l-attwali, x'għandi f'idejja llum. Jekk hemm permess ma noħroġx notice. Jekk m'hemmx permess, irrid noħroġ notice ta' li qed nara" .*

"Kien hemm permess, imma ma kienx skond dak il-permess. Jimxu mal-permess l-ieħor li kien hemm. Permess ma nistgħux ninjorawh. Jekk hu possibbli li timxi ma' dik in-*notice* biex tagħmel dak illi hemm fil-permess, tiġi tajjeb. L-ordni dejjem tkun li terġa' tibni skond dak il-permess li huwa xi ħaġa possibbli.

Jien mort fuq il-post dak iż-żmien li kellha toħroġ in-*notice*. Jiġifieri din ma niftakarhiex tinbena jien.

Dwar il-*wording* li ntuża, dan mhux *standard* għax il-każijiet ikunu ħafna differenti u kważi qatt ma joħroġ wieħed l-istess. Irid ikun vera l-istess oġġett. Fl-eżekuzzjoni ma kontx involut, Ma kienx ir-*role* tiegħi. Jien noħroġ l-*enforcement*, nagħmel *updates* li ma jkunx daħal permess, *application* jew appell, *so and so*, u nibagħtu d-*direct action*. Dak kien ix-xogħol tiegħi. Dak iż-żmien jidhirli li kien Johann Buttigieg.

Ma jidhirlix li Buttigieg u t-*team* ikkonsultaw jew irreferew lura għalija biex jaraw x'ridt ngħid b'dak il-kliem. Il-proċedura hi li qabel imur għad-*direct action* ikunu saru l-istudji kollha, iġib il-lista, u mbagħad ovvjament issir id-*direct action* meta jkun hemm bżonn.  Jista' jkun li forsi morna *on site* naraw ċerta affarijiet. Ma nafx tkunx tniżżlet minuta għax jien ma jkollix il-*file* dak iż-żmien. Wara li nkun bgħattu r-responsabbilta' tal-*file* ma tkunx fuqi. *Semmai* jkun Johann Buttigieg li jagħmel minuta."

**Kontro-eżami:**

"Jien il-*file* ngħalqu wara li jkun għadda l-proċess kollu, appell etc. Il-*file* jkun bid-dokumentazzjoni kollha. Jekk ikun hemm xi dubju jikkonsultaw magħna. Aħna qabel

nibgħatu l-*file* għad-*direct action* naraw li d-dokumentazzjoni kollha qegħda hemm.

Il-binja li kienet koperta bil-permess tal-1990, *on site* ma kinitx tidher assolutament. Naqbel li l-*enforcement notice* huwa strutturat b'mod li aħna nittikjaw x'inhi l-illegalita', mill-bqija t-*text* kollu li hemm huwa *text standard* għal kull *enforcement.*

Rigward il-parti *"biex treġġa' lura"* li kieku l-binja li kienet koperta bil-permess tal-1990 kienet għadha teżisti dik il-biċċa ma kinitx titwaqqa' mill-awtorita'. Jien ma kontx qed nesiġi li din titwaqqa' jekk teżisti. Għalhekk meta jkun hemm permess nagħmluha b'dak il-mod in-*notice*."

**Ri-eżami:**

"It-twaqqiegħ qatt ma rajtu, rajtha lesta. L-*enforcement* bilfors irid joħroġ hekk biex int dejjem tkun *safeguarded* illi jekk niġu biex inwaqqgħu u nsibu xi ħaġa li għada hemm teżisti sa dak iż-żmien, aħna ma nwaqqgħuhiex. Jekk hemm permess aħna nitolbu li jerġa' jitreġġa' lura skond dak il-permess. Għalkemm kont naf li kollox kien *demolished*, il-*wording* ħareġ hekk, għax ladarba hemm permess u jien m'għandix *survey* ta' x'hemm eżatt, bilfors irid joħroġ hekk dak għax permess huwa xi ħaġa daqs li kieku *enforcement*."

Il-Qorti: Jekk qed nifhmek tajjeb, is-Sur Satariano kien waqqa' l-bini kollu l-antik li kien kopert bil-permess u bena, għamel struttura kompletament ġdida, li kienet akbar.

"Anke l-*application* kif inhi, *alterations and additions*, mhux qed jgħidlek *demolish*. Aħna xorta jibqalna d-dubju. Meta tiġi biex twaqqa' tara kollox eżatt. Jekk ikun possibbli jsir skond kif inhu l-permess, jekk mhux possibbli jew issir *application* jew hemm ħafna mezzi oħra."

**Fol. 653 Xehed Johann Buttigieg**

B'referenza għax-xhieda preċedenti tiegħu, fejn kien qal li l-Bord ma kienx aċċetta r-raġunijiet tal-Perit ta' Satariano li

l-proprjeta’ kienet perikoluża, ġie mitlub minn fejn kienet tirriżulta mill-*file*. Talab li jfittixha għax ma jafx f’liema fol. *number* qiegħda.

**Fol. 655 Xehed Tony Cremona**

“Jiena kont preżenti waqt *meeting* li kien sar il-Mepa fiż-żmien meta Satariano kien imsiefer, u kont akkompanjajt lil ibnu f’dan il-*meeting*, flimkien mal-perit ta’ Satariano. Fil-*meeting* kien ġie diskuss l-*enforcement order*. It-tifel kien għadu kif laħaq dentist. Iltqajna mas-Sur Stephen Farrugia li kien il-Kap.

Il-Perit kien staqsih xi tfisser sew l-*enforcement notice*. Dan qallu li jrid iwaqqa’ li hemm u tibni skond il-permessi li għandek. Il-Perit qallu li jista’ jġib il-bini għal dak li kien mingħajr ma jwaqqa’ u spjegalu kif fuq pjanta jgħidulha *footprint*. Dan reġa’ staqsih kif jista’ jkun jagħmel hekk u l-Perit wieġbu li bil-flus *“inkun nista’ nagħmilha u nġibha eżatt il-footprint”* u ddeċidew li jiltaqgħu fuq il-post xi jumejn wara biex ikun jista’ jfehmu eżattament kif jista’ jsir u ma jsirx dan it-twaqqigħ. Imbagħad sa fejn naf jien tħassret din il-*meeting*.

Hu kien qabad il-*footprint* tal-permess tal-PAPB u poġġa dak li kellu preżent fuqu, u beda jqaċċat minnu biex ineħħi dak li hu mingħajr permess. Qallu *“jiena nista’ nagħmel hekk”*, u l-Perit Stephen Farrugia speċi kkunsidraha u qal *“immorru s-Sibt”.*

Il-Perit l-ieħor li ġie mal-Perit Alfred Grech staqsa lill-Perit Farrugia xi jfisser l-*order*. Dan wieġeb li jrid jwaqqa’ u jibni l-bini li għandek il-permess għalih. Staqsih jekk iridx jitlob permess ieħor u wieġbu li dak huwa permess fih nnifsu. Qallu int għandek permess hemmhekk biex twaqqa’ u tibni skond l-ordni li għandek.

Ma nafx għal liema raġuni tħassar il-*meeting* li kellu jsir *on site*.

Li tħassar il-*meeting* kien qalli George Cutajar. Qal li kienu ħadu għalihom għax Satariano kien għamel xi protest fil-Qorti.

Dan jidhirli li kien fl-2001."

**Kontro-eżami:**

"Jien m'inix midħla tal-proċeduri tal-Mepa. Il-*meeting* kien f'Mejju 2001. Jiena naf kemm il-binja li qed nitkellmu fuqha kif ukoll il-binja kif kienet qabel. Meta konna studenti konna mmorru fiha, fl-1971.

Ma nistax ngħid jekk fid-dar ta' Satariano kienx għad fadal xi partijiet mill-bini l-antik. Jiena niftakar l-Angel's Leap sewwa, meta kien hemm ix-xiħ fiha, li kellu *bar* fiha u kellu l-abitazzjoni tiegħu hemmhekk.

Lil Satariano ilni nafu naħseb mill-1978.

Niftakar meta Satariano xtraha għax missieri li kien fin-negozju, kien qallu li *worth it.*

Jien ma nistax ngħid x'kien fih il-bini l-antik għax jien kont dħalt fil-*bar* biss. Pero' x-xiħ kien joqgħod isfel. Ma nistax ngħid jekk meta xtraha Satariano kinitx għadha kif kienet fis-60's u fis-70's.

Jien fil-*meeting* mort nikkumpanja lit-tifel. Kont naf li d-dar kienet għadha ma twaqqgħetx. Jiena qabel il-*meeting* ma tkellimtx mal-Perit Grech dwar x'kien se jitlob lill-Perit Farruġia.

Il-perit Grech kien qalilhom għaliex titwaqqa' d-dar kollha u nikkrejaw ambjent daqshekk ikrah. Jien nista' nġibha eżattament skond il-pjanta tal-permess. Għax hi kienet bil-kmamar separati u l-permess li kien hemm fuqha hi li jiġġojnja b'kuritur.

Jien qatt ma tkellimt dwar dan ma ħadd qabel il-*meeting* la mal-Perit u lanqas ma' Satariano.

Mistoqsi jekk xi ħadd jew il-Perit Farrugia żammewx lill-Perit Grech jew lil Satariano milli jagħmlu dan ix-xogħol iwieġeb *"iva żammewh"*.

Is-Sibt il-Perit Farrugia ma kienx ġie għall-*meeting*. It-tnejn mort għand il-Perit Grech u dan qalli issa la tħassar il-*meeting*, għandna permess f'idejna u nistgħu jekk ma rridux nirranġaw li hemm, inwaqqgħu li hemm u nerġgħu nibnu. Jien għidtlu li nagħmlu li hemm bżonn. Satariano kien l-Amerka. Dak il-ħin irċieva *fax* mill-Mepa fejn qalulu: *"le, lanqas tista' tibni. Ma tistax twaqqa' u tibni."*

Mhux biss il-*fax* imma mbagħad waqqfuh milli jagħmel hekk. Ma naħsibx li dan id-diskors kien sar f'Lulju iżda ġranet biss wara l-*meeting* li kien tħassar.

Jien qatt ma kont preżenti waqt diskussjonijiet oħra. Qatt ma kont f'bini tal-Qorti waqt Mandat ta' Inibizzjoni u wara l-uffiċċju tagħkom. Ma nmerikx iżda ma naħsibx li l-inkontru sar f'Lulju. Satariano kien mar l-Amerika għal raġunijiet mediċi u x'ħin ġie lura reġa' ħa kollox f'idejh hu u jien ħriġt mix-xena. Jien kont hemm ma ħallejtx lit-tifel tiegħu waħdu. Dak it-tifel trabba' miegħi.

Jien mhux qed ngħid x'qalli l-Perit iżda kont ħdejh x'ħin irċieva l-*fax* li ma nistgħux immissuh."

**Ri-eżami:**

Dakinhar tal-*meeting* tant ma kinitx negattiva r-reazzjoni tal-Perit Farrugia, li għamel appuntament biex naraw. *"Definitely ma kinitx negattiva".*

**Fol. 667  Seduta 25/06/2007**

**Fol. 667 Xehed Christian Satariano**

Il-Qorti tħoss li bħala ***punto di partenza*** għandha tiddikjara minnufih li l-argumenti kollha tal-atturi li ġew esposti fl-ewwel ħdax-il faċċata tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ma għandhomx rilevanza għall-kawża u dan għaliex kif anke l-Qorti għamlet ċara fis-

sentenza preliminari tagħha, hija tista’ biss f’dan l-istadju teżamina kif ġiet esegwita l-Ordni imsemmija u mhux terġa’ tiftaħ fil-mertu jekk id-deċiżjoni finalment meħuda mill-Qorti tal-Appell kienitx ġusta jew le. Dak ikun jammonta għall-ftuh mill-ġdid ta’ ***res judicata***. L-istess għandu jingħad għall-argumenti miġjuba mill-atturi fir-rigward tal-metodu impost mill-Awtorita’ biex is-sit jiġi reintegrat għall-istat ta’ qabel ma wettqu l-iżvilupp l-atturi u biex jiġi konformi mal-permess maħruġ. Dak illi ddeċidiet l-Awtorita’ fil-funzjoni essenzjali tagħha *ossia* fl-għoti jew rifjut ta’ permessi, ġie deċiż. Huwa evidenti li meta l-Awtorita’ tordna t-twaqqigħ tordna li lis-sid biex jerġa’ jpoġġi is-sit fl-istat preċedenti *ossia* kif kopert mill-permessi neċessarji u ma hemmx għalfejn jiġu ċitati awturi li jgħidu dan għaliex dan huwa dettat mis-sens komun. Allura s-sid ma jkollux triq oħra ħlief li jwaqqa’ l-bini illegali u jekk ikun il-każ jerġa’ jibni skond il-permessi jekk kellu. F’dan il-każ kienu jeżistu permessi preċedenti. L-atturi eżawrew ir-rimedji kollha tagħhom, kif kellhom dritt jagħmlu u finalment il-Qorti tal-Appell tat id-deċiżjoni tagħha fit-23 ta’ April 2001.

F’dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Awtorita’ u ordnat lill-atturi odjerni biex ineħħu kull żvilupp li sar mingħajr permess u biex jerġgħu jpoġġu s-sit fl-istat li kien skond il-permessi li kienu nħarġu fl-1990. Ma hemmx dubju li l-atturi wara li kkontestaw kull deċiżjoni fir-rigward sal-aħħar ipprokrastinaw mhux ħażin biex isir ix-xogħol. Infatti l-eżekuzzjoni saret f’Lulju 2001 u dan wara li s-sentenza ngħatat kif ġia’ ntqal, fit-23 ta’ April 2001. Dan ifisser li l-atturi kellhom kważi tlett xhur biex jibdew ix-xogħol ta’ twaqqigħ huma. Minflok aċċettaw it-telfa (f’sens ġudizzjarju) baqgħu jipprovaw iwaqqfu l-inevitabbli billi talbu l-ħruġ tal-mandati ta’ inibizzjoni li kollha ġew miċħuda. Għalhekk l-Awtorita’ kienet ċertament intitolata li tesegwixxi l-ordni tagħha li jitwaqqa’ l-bini illegali in kwistjoni, u ma jreġġi xejn l-argument tal-atturi li l-bini kien kopert minn permess preċedenti. Il-fatti huma li huma stess bnew mingħajr permessi, pprovaw jissanzjonaw dak il-bini u dan it-tentattiv ma rnexxiex. Baqgħu allura jippersistu u l-Awtorita’ ma kellhiex alternattiva oħra ħlief li

twaqqa' l-bini illegali in kwistjoni. Anzi kieku ma għamlitx hekk kienet tkun qed tonqos mill-obbligu tagħha skond il-liġi. Il-Qorti għalhekk se teżamina biss l-eżekuzzjoni u tinvestiga jekk sarux eċċessi da parti tal-Awtorita' f'dik l-eżekuzzjoni.

Hawnhekk ta' min jgħid illi parti sostanzjali min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tirrigwardja l-permess li kien inħareġ fl-1990. Madankollu jirriżulta mill-provi, illi l-atturi ma bnew qatt skond dan il-permess anzi waqqgħu parti mill-bini li kien hemm qabel u għalhekk kull riferenza fit-talba tagħhom illi għandha x'taqsam mal-istess permess ma għandha ebda valur ġuridiku. Il-Qrati tagħna kif sewwa irrimarkat l-Awtorita' irritenew ġia' f'każi simili li non użu tal-permess, anzi aktar minn hekk meta l-istess persuna li tkun inħarġitilha l-permess tibni aktar jew mhux skond dak il-permess, ikun ifisser li dak il-permess ikun skada. L-aktar każ li jixbaħ lill-dak odjern huwa l-każ fl-ismijiet **"Paul Vassallo vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (28 ta' Ottbru 2002) fejn ir-rikorrenti talab li s-sit jerġa' jiġi ripristinat biex iservi ta' pompa tal-*petrol*; il-Qorti qalet illi n-nuqqas ta' użu jfisser bdil ta' destinazzjoni għall-fini tal-liġi tal-Ippjanar u għalhekk dak il-permess jiskadi. Il-Qorti għalhekk taqbel mas-sottomissjoni tal-awtorita' illi kull dritt li seta' kellhom l-atturi fil-binja l-antika (dejjem fir-rigward tal-kwistjoni odjerna) intemm meta huma stess għażlu li jwaqqgħuha u jibnu mill-ġdid mhux skond il-permessi li kellhom.

Hemm ukoll kwistjoni oħra li dwarha l-Qorti assolutament ma tistax taqbel mal-atturi u ċioe' li huma jippretendu illi l-Awtorita' fl-eżekuzzjoni tal-ordni, kellha l-obbligu hija stess li terġa' tibni skond il-permess tal-1990 wara li twaqqa'. Dan huwa argument li ma għandhu ebda loġika. L-Awtorita' kellha biss l-interess li tara li l-bini li kien kontra l-liġi jitneħħa. L-interess li jerġa' jinbena kien tal-atturi u għalhekk dik kienet kwistjoni li kellhom jarawha huma u huma biss. L-Awtorita' kellha twaqqa' u daqshekk. Għalhekk dwar dan il-Qorti ma għandhiex għalfejn tikkummenta aktar.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-Awtorita' għandha twieġeb biss jekk fl-eżekuzzjoni tal-Ordniu ċioe' waqt it-twaqqigħ tal-binja, sarux xi azzjonijiet eċċessivi u traskurati illi minħabba fihom l-atturi sofrew xi ħsara fil-proprjeta' tagħhom. L-atturi jsostnu illi l-Awtorita' esegwiet l-Ordni anke fuq partijiet li ma kienux milquta bl-Avviż. Huma jgħidu li kull Avviż ikollu miegħu *site plan* apposita; l-Awtorita' tgħid li dan il-provvediment ġie fis-seħħ wara l-każ in kwistjoni. Hu x'inhu żgur li ebda Awtorita' munita bis-saħħa li tagħmel dawn it-tip ta' ordnijiet ma tista' tesegwixxi mingħajr ma jkun jimportaha xejn mill-proprjeta' ta' ħaddieħor. Fi kliem ieħor, l-Awtorita' hija tenuta li meta tesegwixxi ordni simili għandha tieħu l-kura normali ta' bonus *paterfamilias*, biex ma ssirx ħsara għalxejn.

Hawnhekk il-Qorti tħoss li f'ċertu aspetti jidher li l-Awtorita' riedet tagħmel kif ngħidu aħna *show* bl-eżekuzzjoni in kwistjoni. Jirriżulta mid-dokumenti esebiti, illi saru laqgħat mal-ġurnalisti, ittieħdu filmati u saru affarijiet simili, biex l-Awtorita' tat pubbliċita' lill-kwistjoni għal raġunijiet li tafhom hi. Dan mhux aġir responsabbli. Il-Qorti tħoss ukoll li l-Awtorita' tat *carte blanche* lill-kuntrattur biex jagħmel li jrid, *purche'* jwaqqa' kollox u ma jħalli xejn warajh. Lanqas dan ma kien aġir responsabbli għaliex donnha l-Awtorita' ppikat mal-atturi għaliex dawn dewwmu l-eżekuzzjoni kif ġia' ntqal. Saret ħsara għalxejn fl-għar u fil-bir u f'dik li kienet *swimming pool*; il-*fittings* li kellhom x'jaqsmu magħha sparixxew. Inqalgħu għalxejn ħafna siġar u pjanti. Dwar dan lanqas kien hemm bżonn l-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12 biex irendi l-Awtorita' responsabbli għaliex hija ma għandha ebda immunita mill-artikoli tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwardjaw ir-responsabbilita' għad-danni ta' min jaġixxi *oltre* d-drittijiet tiegħu.

L-atturi jilmentaw ukoll li naqsu xi oġġetti ta' valur iżda f'dan l-ambitu l-Awtorita' qalet li hemm oġġetti li qegħdin fil-kustodja tagħha li jistgħu jittieħdu liberament. Il-Qorti fir-rigward se tħalli dan id-dritt impreġudikat. Għalhekk peress li l-atturi ma kkwantifikawx id-danni li sofrew, il-Qorti a bażi ta' diversi sentenzi fir-rigward (ara **"Margaret Camilleri vs Cargo Handling Company Limited"**

mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2004 Prim' Awla per Imħallef Philp Sciberras) se tillikwida dawn id-danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' erbat elef Euro (€4,000).

L-atturi lmentaw ukoll mill-bini ta' ċint madwar il-proprjeta'; l-Awtorita' sostniet li dan sar biex ikun hemm sigurta' iżda jekk l-atturi jinsistu għandhom dritt joġġezzjonaw għalih u għalhekk il-Qorti se tawtoriżżahom ineħħuh, dejjem jekk iridu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta ħlief kif se jingħad, tiċħad l-ewwel tlett talbiet; tilqa' r-raba' u l-ħames talba u tordna lill-Awtorita' konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) ; tiċħad is-sitt talba; tilqa' s-seba' talba u tordna li jitneħħa r-reċint fi żmien tlett xhur taħt is-superviżjoni tal-A.I.C Mario Cassar; tilqa' t-tmien talba biss fir-rigward tas-seba' talba. Tħalli impreġudikata l-kwistjoni tal-oġġetti allegatament nieqsa mill-proprjeta' in kwistjoni.**

**L-ispejjeż *eccetto* dawk ġja' deċiżi jitħallsu tlett kwarti mill-atturi u kwart mill-Awtorita' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------